# LURA
# GĦALL-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# LURA

# GĦALL-BIBBJA

Minn
George Ebejer

© 1997
minn
George Ebejer

## KONTENUT


| | Paġna |
|---|---|
| Kif il-Verità Kienet Mitlufa u Rrestawrata Wara li Mietu l-Appostli | 4 |
| Introduzzjoni | 5 |
| Lura għall-Verità tal-Bibbja | 6 |
| Lura għall-Knisja tal-Bibbja | 12 |
| Lura għall-Għaqda tal-Bibbja | 17 |
| Lura għall-Pridkar tal-Bibbja | 25 |
| Lura għall-Awtorità tal-Bibbja | 30 |
| Lura għall-Kredu tal-Bibbja | 37 |
| Lura għad-Dottrina tal-Bibbja | 43 |
| Lura għall-Organizzazzjoni tal-Bibbja | 49 |
| Lura għall-Ismijiet tal-Bibbja | 57 |
| Lura għall-Qima tal-Bibbja | 62 |
| Lura għall-Mużika tal-Bibbja | 67 |
| Lura għas-Salvazzjoni tal-Bibbja | 71 |
| Lura għall-Magħmudija tal-Bibbja | 78 |

## KIF IL-VERITÀ KIENET MITLUFA U RRESTAWRATA WARA LI MIETU L-APPOSTLI

30 W. K. *Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid*
*Stabbilit u Rrivelat*
*għal Kollox*

96 W. K. Rivelazzjoni tlestiet
Żerriegħa ta' apostasija miżrugħa

352 W. K. Konċilju ta' Niċea
Aktar tbegħid malajr.

570 Il-Papa mogħti l-għarfien

Qawmien tas-setgħa papali

1054 Knisja maqsuma

Nuqqas ta' qbil intern

Soppressjoni tal-libertajiet

Inkwiżizzjonijiet

1517 Il-Qawma Kontra l-awtorità ta' Martinu Luteru
Riformi

1800-1830 Restawrazzjoni
tal-Kristjaneżmu
tat-Testment il-Ġdid

Preżent

# INTRODUZZJONI

Studja ċ-chart ta' quddiem sakemm id-dati u l-fatti jkunu stab-biliti sewwa f'moħħok. Ifforma stampa mentali ta' din l-istorja qasira mill-appostli saż-żmien preżenti. Inti tkun kapaċi li timla' aktar dettalji f'kull lezzjoni f'dan il-ktieb. Kun ċert/a li għandek dawn il-ħwejjeġ tajjeb f'moħħok.

Il-biċċa l-kbira tad-dati wżati fiċ-chart huma assoluti. Ftit minn-hom għandhom ikunu relattivi. Per eżempju, id-data 325 għall-Konċilju ta' Niċea hija assoluta, imma d-data 570 għall-għarfien tal-papa hija relattiva. Xi nies għarfu lill-Isqof ta' Ruma li jkun l-Isqof Universali tal-knisja qabel din id-data, u ma kienx qabel is-seba' seklu li l-knisja kollha tal-Punent attribwixxiet lilu din is-setgħa. Ukoll, id-data 1517 hija assoluta għall-qawmien ta' Luteru, imma ż-żmien attwali tar-restawrazzjoni sħiħa tal-knisja tat-Testment il-Ġdid għandha tkun relattiva. L-idea ġiet lil xi rġiel qabel l-1800, imma kien madwar dan iż-żmien li x-xogħol tan-ġibbli kien beda. Ħa ġenerazzjoni għal dawk iddedikati għall-idea biex ilestu x-xogħol li jneħħu l-velu tas-settarjaniżmu li kien imdendel fuq moħħhom. Sa l-1830 huma kienu jinsabu wisq ħafna fid-dawl tal-verità eterna ta' Alla dwar ideat essenzjali.

## LURA GĦALL-VERITÀ TAL-BIBBJA

Fi żmien fejn in-nies qegħdin jitolbu għal xi ħaġa ġdida jiena nixtieq nitlob għal xi ħaġa qadima—ta' l-ewwel seklu—madankollu meħtieġa llum daqs kemm kienet meħtieġa għan-nies fl-ewwel seklu.

Ħalli aħna mmorru LURA GĦALL-BIBBJA u nistabbilixxu mill-ġdid KRISTJANEŻMU TAT-TESTMENT IL-ĠDID ġenwin fuq l-art! Għaliex? Għaliex il-bżonnijiet spiritwali tal-bniedem qatt ma jinbidlu. Id-dnub għadu l-istess dnub li dejjem kien. Il-gideb għadu gideb, qtil għadu qtil, ukoll meta kkommettut permezz ta' mezzi differenti. Għadu jieħu l-istess ħaġa biex tnaddaf persuna minn dnubietha li kienet tnaddaf fl-ewwel seklu. Mela—aħna naħtieġu li nagħmlu progress lura għall-verità, mogħtija darba għal dejjem, Ġuda 3.

> "*Dan jgħid il-Mulej: 'Ieqfu fit-toroq u ħarsu, staqsu għall-mogħdijiet ta' dari, fejn hi t-triq it-tajba u imxu fiha, u ssibu l-mistrieħ għal ruħkom*" (Ġeremija 6:16).

## VERITÀ TAL-BIBBJA IRRIVELATA

**30 W. K.** **96 W. K.**

Il-verità ta' Alla kienet irrivelata għal kollox matul il-ħajja ta' l-appostli ta' Ġesù Kristu fl-ewwel seklu ta' l-epoka tagħna.

Kristu wiegħed li jiggwida lil l-appostli fil-VERITÀ KOLL-HA. Hu għamel dan permezz ta' l-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Naqraw fi Ġwanni 16:13,

> "*Imma meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, imexxikom fil-verità* ***kollha****...*"

Dan ix-xogħol beda fl-ewwel Pentekoste wara t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu (Atti 2:4). Alla rrivela l-misteri Tiegħu li kienu moħbija sa dak iż-żmien lil l-appostli u l-profeti Tiegħu per-mezz ta' l-Ispirtu s-Santu. L-appostlu Pawlu jgħidilna hekk dwar dan,

> "*Li bihom, meta taqraw, tistgħu tifhmu x'naf jien mill-misteru ta' Kristu, li fi żmi-nijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħalma hu irrivelat issa bl-Ispirtu lil l-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti*" (Efesin 3:4-5).

Kif tkellmu u kitbu huma kienu ggwidati mingħajr ebda żball mill-Ispirtu s-Santu fejn għal darb'oħra l-appostlu ispirat jgħid,

> "*Li aħna wkoll nitkellmuhom, mhux bi kliem li jgħallem għerf il-bniedem, iżda li jgħallem l-Ispirtu s-Santu; u nqabblu ħwejjeġ spiritwali ma' dak li hu spiritwali*" (1 Korintin 2:13).

Il-kelma irrivelata minn dawn l-irġiel ispirati hija ż-żerriegħa tas-saltna (ara Luqa 8:11; 1 Pietru 1:23-25); li permezz tagħha n-nies huma mnissla (1 Korintin 4:15). Din ir-rivelazzjoni b'is-pirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu kienet kompluta fl-ewwel seklu.

Billi Kristu ggwida lil dawn in-nies fil-verità KOLLHA, ma hemm ebda verità aktar li tkun irrivelata.Verità dejjem hija verità u qatt ma tista' tkun mibdula. Meta aħna mmorru lura għall-verità irrivelata fl-ewwel seklu, din hija l-verità llum daqs kemm kienet dak iż-żmien.

Kristu ggwida lil l-appostli u lill-profeti fid-dottrini kollha li aħna qatt għandna nirċievu. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

> "*L-Iskrittura kollha hi mogħtija b'ispirazz-joni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq; Biex il-bniedem t'Alla jkun perfett, imraw-wam għal kull egħmil tajjeb*" (2 Timotju 3: 16-17).

> "*U komplew iżommu sħiħ fit-tagħlim u fix-xirka ta' l-appostli, u fil-qsim tal-ħobż, u fit-talb*" (Atti 2:42).

> "*Imma hu tkellem il-ħwejjeġ li jixirqu lit-tagħlim sħiħ*" (Titus 2:1).

Kristu ggwida lil l-appostli u lill-profeti biex ipoġġu fil-knisja l-organizzazzjoni kollha li l-knisja qatt tkun teħtieġ (ara Efesin 4:11; Filippin 1:1; 1 Timotju 3; Titus 1:5-9).

Kristu ggwida lil l-appostli u lill-profeti biex jistabbilixxu l-atti kollha ta' qima (ara 1 Tessalonikin 5:27; Atti 20:7; 1 Korin-tin 10:16; 1 Korintin 1415; 16:2).

Kristu ggwida lil l-appostli u lill-profeti bl-Ispirtu s-Santu biex jagħmlu kull xorta ta' opri li l-knisja qatt kellha tagħmel (ara Efesin 3:10-11; Galatin 6:10; Ġakbu 1:27).

Kristu ggwida lil l-appostli u lill-profeti permezz ta' l-Ispirtu s-Santu biex jagħmlu magħrufa l-prinċipji kollha tal-ħajja Kris-tjana (ara 1 Ġwanni 2:15-16; Rumani 6:12-13; 8:13; Galatin 5: 16-24).

Permezz ta' l-Ispirtu s-Santu l-proviżjonijiet kollha kienu magħmula għall-iżvilup tar-ruħ tal-bniedem (2 Pietru 1:3).

Waqt li jgħamel dan ix-xogħol l-Ispirtu s-Santu wissa lill-bnedmin kollha li huma ma kellhom jaċċettaw ebda tagħlim ieħor (ara 1 Korintin 4:6; 2 Ġwanni 9; Galatin 1:8-9).

## VERITÀ TAL-BIBBJA INJORATA MATUL IŻ-ŻMINIJIET TAD-DLAM

**570** **1517**

L-appostli qalu li l-Ispirtu s-Santu kien għarrafhom li jkun hemm tbegħid mill-verità wara li huma jkunu mietu. Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tgħidilna hekk dwar dan,

> "*L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom; bħal dawk li jikkundan-naw iż-żwieġ u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu biex jittieħed b'radd-il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità*" (1 Timtoju 4:1-3).

Il-misteru tal-ħażen kien diġa qiegħed jaħdem (2 Tessalonikin 2), u t-tbegħid mill-verità kellu jsir qabel it-tieni miġja ta' Kristu

L-appostlu Pawlu qal li dan it-tbegħid ikun minn fost l-anzjani (isqfijiet) li rġiel iqumu u jmexxu oħrajn barra mit-triq. Naqraw hekk dwar dan,

> "*Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess. Jiena naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom ilpup qalila li lill-merħla ma jaħfruhilhiex.* ***U minn fostkom stess*** *għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hu kontra s-sewwa, bil-ħsieb li jdawru d-dixxipli għal warajhom*" (Atti 20:28-29).

L-istorja tal-perjodu ta' wara l-appostli turi li kien minn fost l-isqfijiet jew l-anzjani tal-knisja li bdiet l-apostasija.

Il-verità kienet mibdula f'ħafna ħwejjeġ matul iż-żminijiet tad-dlam meta knisja apostata żammet ix-xettru (l-awtorità) tas-setgħa.

Id-dottrina u t-tagħlim tassew tat-Testment il-Ġdid kienu mibdula ma' sistema ta' tradizzjonijiet u deċiżjonijiet ta' kunsilli. Nies bnew sistemi elaborati ta' "teoloġija" li kienu aċċettati bħala finali. Ftit attenzjoni kienet mogħtija għal dak li attwalment il-Bibbja kienet tgħid.

Il-qima tassew ta' Alla kienet mibdula minn liturġija, azzjonijiet simboliċi, u affarijiet mhux magħrufa għall-Bibbja.

Il-qies morali tal-Bibbja kien miknus fil-ġenb, u l-kelma tal-qassis saret il-kodiċi ta' etika.

Il-verità li televa lill-bniedem spiritwalment għal l-aqwa livelli li hu jista' jikseb f'din il-ħajja kienet mibdula minn karnalità kif il-mexxejja fil-knisja rsistew għal influwenza, pożizzjoni, u setgħa f'mod materjali.

**RIFORMI**

Wara lit-tbegħid kien komplut, nies bdew iqumu kontra l-iżbalji u l-abbużi tal-knisja apostata. Huma kienu qegħdin jissieltu biex joħorġu barra mid-dlam lejn id-dawl tal-Kelma ta' Alla. Ix-xogħolijiet tagħhom huma magħrufa bħala movimenti ta' "riforma," u dawn irriżultaw fi twaqqif ta' ħafna denomin-azzjonijiet moderni. Iżda, kien għad hemm nies li baqgħu leali lejn il-Kelma ta' Alla u dawn kienu ppersegwitati mhux ftit matul iż-żminijiet.

## IL-VERITÀ ORIĠINALI TAL-BIBBJA IRRESTAWRATA

**1830** **Preżent**

Kif il-movimenti ta' "riforma" resqu aktar qrib lejn il-verità sħiħa hemm beda moviment ta' "restawrazzjoni" fis-seklu dsatax. Dan kien sforz biex IMORRU LURA GĦALL-VERITÀ TAL-BIBBJA fil-ħwejjeġ kollha. L-appostlu Pietru wissa minn qabel lill-knisja ta' l-apostasija, u qal li meta din *grat "biex jiftakru fil-kmandamenti ta' Sidna u s-Salvatur tagħna permezz ta' l-appostli Tiegħu*," (2 Pietru 3:1-3). Dan huwa dak li għamel il-moviment tar-restawrazzjoni—ftakar il-kmandamenti ta' Kristu, u wiegħed li jżommhom.

Meta Israel mar fil-jasar ta' Babel huma kienu "meħudin lura" minn Neħemija u Esdra imexxu moviment "lura għal Ġerusalem." F'Neħemija, kapitli 3 sa 7, aħna nsibuhom jibnu mill-ġdid il-ħitan tal-belt. F'kapitlu 8 l-liġi hija moqrija lin-nies. Kapitlu 9 jgħid kif huma stqarrew dnubiethom publikament, u f'kapitlu 10 huma għamlu patt ma' Alla biex iżommu jew iħarsu l-liġi mogħtija permezz ta' Mosè.

Wara li l-knisja marret f'Babel spiritwali, aħna kellu jkollna moviment "lura għall-Bibbja." Il-Bibbja fiha l-patt ta' dejjem ta' Alla mal-bniedem (Lhud 13:20). Aħna għandna naqraw mill-ġdid il-liġi ta' Kristu (1 Korintin 9:21), mogħtija permezz ta' l-appostli u l-profeti (Efesin 3:5). Aħna għandna nistqarru dnubietna f'li nqasna li nħarsuha fil-passat, u nagħmlu patt ma' Alla li nagħmlu l-ħwejjeġ kollha li Hu kkmandana! (Galatin 6:2).

Li mmorru lura għall-verità jieħu ħafna xogħol, studju iebes, u sagrifiċċji personali. Imma l-premju jiswa l-isforz. Dan ifisser is-salvazzjoni ta' dejjem tiegħek. X'inhuma ftit xhur, jew saħansitra ftit snin, ta' studju iebes, jekk fl-aħħar inti ssir taf il-verità, u ssalva lil ruħek? Il-Mulej jgħidilna:

> "*…Jekk iżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħarfu l-verità, u l-verità teħliskom*" (Ġwanni 8:31-32).

L-appostlu Pietru wkoll jgħid b'ispirazzjoni minn Alla:

> "*Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef. Dan il-wirt hu merfugħ għalikom fis-sema, għax intom tinsabu taħt il-ħarsien tal-qawwa ta' Alla fil-fidi tagħkom fis-salvazzjoni li hi lesta biex tidher fl-aħħar taż-żminijiet*" (1 Pietru 1:3-5).

Jekk nersqu lejn dan l-istudju mingħajr ebda preġudizzju, aħna nkunu nistgħu mmorru lura għall-verità oriġinali rrivelata fl-ewwel seklu, għaliex b'dik l-istqarrija ta' verità aħna nkunu ġġudikati mill-Mulej fl-aħħar jum. Il-Mulej jgħidilna,

> "*Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 8:48).

Pawlu juża kliem ftit differenti li jfisser l-istess ħaġa:

> "*Dan għad jidher dak in-nhar li fih Alla jagħmel ħaqq mill-egħmejjel moħbija tal-bniedem—skond l-evanġelju tiegħi—permezz ta' Ġesù Kristu*" (Rumani 2:16).

## LURA GĦALL-KNISJA TAL-BIBBJA

Ġesù bena l-knisja Tiegħu matul il-ħajja ta' l-appostli Tiegħu. In-nies li kienu msejħa barra mid-dnub bl-evanġelju (2 Tessalonikin 2:14), kienu miġbura fil-knisja li naqraw dwarha fil-Bibbja Mqaddsa (Atti 2:47).

## IL-KNISJA TAL-BIBBJA ĠIET FL-EWWEL SEKLU

**30 W.K. 96 W.K.**

IL-KNISJA TAL-BIBBJA kienet is-suġġett tal-profezija fit-Testment il-Qadim. Fit-Testment il-Qadim il-"knisja" hija rriferuta għal bħala s-"saltna." Il-kliem juru l-istess istituzzjoni. Kristu u l-appostli wżawhom li jfissru għal xulxin, li jirriferu għall-istess istituzzjoni (ara Mattew 16:18-19; Lhud 12:22-23, 28).

Isaija qal fil-ktieb tiegħu, kapitlu 2:1-4 lid-dar ta' Alla tkun mibnija "fl-aħħar jiem." Lid-dar ta' Alla hija l-knisja huwa muri billi taqra l-istqarrija ta' l-appostlu Pawlu lil Timotju:

> "*Imma jekk niddawwar ħafna, għandek tkun taf kif għandek iġġib ruħek fid-dar ta' Alla, li hi l-knisja ta' Alla ħaj, il-kolonna u l-pedament tal-verità*" (1 Timotju 3:15).

"L-aħħar jiem" bdew fl-ewwel Pentekoste wara t-tlugħ fis-sema ta' Kristu. Dwar dan naqraw hekk f'Atti 2:17,

> "*U jiġri fl-aħħar jiem, qal Alla, li nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem: u jħabbru s-subjien u l-bniet tagħkom, u jaraw iż-żgħa-żagħ tagħkom dehriet, u l-irġiel xjuħ tagħkom joħolmu ħolmiet.*"

Dan jirriferi għall-aħħar epoka jew dispensazzjoni taż-żmien. Ma jkun hemm ebda oħra. Aħna ninsabu fl-epoka jew fiż-żmien li Isaija qal li l-knisja kellha tinbena.

F'Danjel 2 naqraw dwar ix-xbiha li ra Nebukaddnessar, u l-interpretazzjoni tagħha ta' Danjel. Tibda b'Babel li f'dak il-waqt kienet fis-setgħa, kellu jkun hemm erba' saltniet universali biex jaħkmu fuq il-bnedmin kollha. L-istorja tgħidilna li dawn kienu s-saltniet ta' Babel, Medo-Persjana, Griega, u Rumana. F'vers 44 Danjel jgħid dwar ir-raba' waħda, jew is-

slaten Rumani,

> "*U fiż-żmien ta' dawk is-slaten, iqajjem Alla tas-sema saltna, li qatt ma titwaqqa'; saltna li ma titħalliex għal poplu ieħor; izda hi tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, u hi tibqa' għal dejjem.*"

F'Luqa 3:1 aħna nsibu s-slaten Rumani kienu qgħedin isaltnu fl-ewwel seklu ta' l-era tagħna. Kien iż-żmien għal Alla li jwaqqaf is-saltna, jew il-knisja Tiegħu.

Danjel ra viżjoni oħra (Danjel 7:13-14), li fiha "Bin il-bniedem," Kristu, ġie quddiem Alla fuq is-sħab, *"U lilu kienet mogħtija ħakma, u glorja, u saltna…"* Imbagħad Ġesù kellu jistabbilixxi s-saltna Tiegħu, jew iwaqqaf il-knisja Tiegħu, meta Hu jmur lura għand Alla fuq is-sħab. Atti 1:9-11 jagħtina x-xena kif Ġesù tela' 'l fuq minn fuq il-quċċata tal-Muntanja "fuq is-sħab":

> "*Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom. Waqt li kienu b'għaj-nejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa waħda deħru ħdejhom żewġt irġiel libsin l-abjad, u qalulhom: "Irġiel tal-Galilija, x'in-tom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.*"

IL-KNISJA TAL-BIBBJA kienet l-oġġett tal-wegħda minn Ġesù. Kif Ġesù daħal fil-ministeru publiku Tiegħu Hu beda jippriedka, "*is-saltna tas-sema qorbot*" (Mattew 4:17). Meta Hu

bagħat lid-dixxipli Tiegħu taħt kummissjoni llimitata qalilhom biex jippriedkaw, "*is-saltna ta' Alla qorbot*" (Luqa 10:9). Ġesù qal lid-dixxipli fi kliem ċar:

> "*Tassew ngħidilkom: Hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt,* ***qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla ġejja bil-qawwa***" (Mark 9:1).

Fit-tagħlim publiku Tiegħu Kristu ħejja l-qiegħa għall-wasla tas-saltna tas-smewwiet. Kif kien qiegħed joqrob lejn it-tmiem tal-ministeru publiku Tiegħu Ġesù qal ċar lid-dixxipli Tiegħu, "*fuq din il-blata jiena nibni l-knisja tiegħi*" (Mattew 16:18). Fl-aħħar, Hu mar għas-salib fejn xtara l-knisja b'demmu stess (Atti 20:28).

ATTI 2 jgħid dwar il-bidu TAL-KNISJA tal-BIBBJA. Għal l-ewwel darba l-Evanġelju sħiħ kien ippridkat u kkonfermat (Mark 16:20; Atti 2:1-4).

L-ewwel nies li kkonvertew kienu magħmula permezz ta' l-Evanġelju

kif 3000 emmnu u obdew lill-Mulej tagħhom f'dak il-jum (Atti 2:36-41).

L-ewwel kongregazzjoni ta' Kristjani bdiet tiffunzjona minn dik l-okkażjoni (Atti 2:42).

Kien hemm perjodu ta' tfulija għall-knisja (1 Korintin 13:11), imma l-knisja dlonk waslet fl-iżvilup sħiħ tagħha (Filip-pin 1:1).

Dak kollu li rċeviet il-knisja tal-Bibbja kien mill-Ispirtu s-Santu kif Ġesù kien ordna:

> "*Imma meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, imexxikom fil-verità kollha: għax hu ma jitkellimx minnu nnifsu; iżda dak kollu li jisma', dak jgħid hu: u jgħarrfilkom x'għandu jiġi*" (Ġwanni 16:13).

Kollox kien mibni skond il-mudell irrivelat minn Alla (Lhud 8:5).

Kull ħtieġa tar-ruħ tal-bniedem kienet ipprovduta permezz ta' rivelazzjoni. L-appostlu Pietru jgħidilna b'ispirazzjoni:

> "*Għaliex is-setgħa tiegħu tatna kulma jinħ-tieġ għall-ħajja u t-tjieba , permezz tal-għarfa ta' dak li sejħilna għall-glorja u l-virtù*" (2 Pietru 1:3).

Din ir-rivelazzjoni kienet ir-riga tal-kejl għall-ħajja ta' kull persuna. Regola, kriterju li bih il-Mulej jiġġudikana (Ġwanni 12:48; Rivelazzjoni 20:12).

## IL-KNISJA, BĦALA ĠISEM, MA BAQGĦETX TIDHER MATUL IŻ-ŻMINIJIET TAD-DLAM

**570 1517**

Dan kien antiċipat mill-Mulej u rrivelat lill-appostli u l-pro-feti tat-Testment il-Ġdid mill-Ispirtu s-Santu. L-appostlu Pawlu jgħid:

> "*Li fi żminijiet imgħoddija ma kienx imgħarraf lil ulied il-bniedem, bħalma hu irrivelat issa bl-Ispirtu lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti*" (Efesin 3:5).

L-appostlu Ġwanni rċieva Rivelazzjoni, u f'kapitlu 12, vers 6, hu qal li l-knisja tkun mitlufa għal żmien l-istess kif mara tkun mitlufa fid-desert. Bl-Ispirtu s-Santu l-appostlu Pawlu qal lix-xjuħ (isqfijiet) tal-knisja f'Efesu li minn fosthom, ix-xjuħ, iqumu rġiel u jiġbdu warajhom kotra ta' nies (ara Atti 20:29-30). Lit-Tessalonikin l-appostlu Pawlu għallimhom li Kristu ma jiġix lura qabel ma "tiġi l-firda " (2 Tessalonikin 2. Ara wkoll 1 Timotju 4:1-3; 2 Timotju 3:1; 4:3; u 2 Pietru 2:1).

It-tbegħid mill-verità li ħa lill-knisja fl-apostasija kien grad-wali (ara ċ-chart). Ħa bosta mijiet ta' snin għall-knisja apostata biex tiżviluppa għal kollox.

Fiż-żminijiet tad-dlam il-knisja tilfet isimha, l-organizz-azzjoni tagħha, ħafna mid-dottrina tagħha, il-forma tal-qima, tagħha, u l-metodu tax-xogħol

tagħha. Dan kien żmien ikraħ u diffiċli ħafna għall-knisja ta' Kristu.

## LURA GĦALL-KNISJA TAL-BIBBJA
## 1830 Preżent

Aħna ma mmorrux lura għall-knisja tal-Bibbja billi nibdew denominazzjoni ġdida. Il-moviment tar-restawrazzjoni li jagħti-na l-knisja oriġinali ta' Ġesù Kristu huwa distint mid-denomi-nazzjonijiet u l-protestantiżmu daqs kemm huma l-protestanti mill-Kattoliċi.

Aħna mmorru lura għall-Bibbja billi ngħallmu **l-istess verità** li għallmu l-appostli u l-profeti. Huma rċevewha mill-Mulej permezz ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Efesin 3:5; 2 Pietru 3:1). Li tirrestawra l-Knisja mhuwiex magħmul billi tittraċċja suċċessjoni ta' rġiel minn żmien ta' l-appostli għal lum. Dan huwa magħmul billi tieħu ż-żerriegħa, il-Kelma ta' Alla (Luqa 8:11), u tiżragħha fil-qlub tan-nies. Meta l-Kelma tkun ikkonċe-puta hemm hija tipproduċi l-fidi. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan,

> "*Għax jekk għandkom bl-eluf għalliema fi Kristu, ma għandkomx ħafna missirijiet; għax jiena hu li, **bl-evanġelju, nissiltkom fi Kristu***" (1 Korintin 4:15).

> "*Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu*" (Rumani 10:17).

Iż-żerriegħa tipproduċi l-indiema (Rumani 2:4); din iġġiegħel lill-persuna biex tistqarr lil Kristu (Rumani 10:10), u li tobdi lill-Mulej tagħha fil-magħmudija (Atti 2:38). Imbagħad dik il-persuna tkun f'relazzjoni ta' patt ma' Alla (Atti 2:41), u l-Mulej iżidha fil-knisja Tiegħu (Atti 2:47). Jekk tkompli fidila fil-knijsa (Atti 2:42), hija tirċievi l-kuruna tal-ħajja (Rivelazzjoni 2:10).

Billi b'fedeltà nimxu fuq it-tagħlim tal-Bibbja aħna *nirres-tawraw* (inġibu lura) l-isem, l-organizzazzjoni, il-qima u x-xogħol li Alla ta lill-knisja. Imbagħad aħna nkunu **l-istess** knisja li eżistiet fl-ewwel seklu—il-knisja tal-Bibbja Mqaddsa.

## LURA GĦALL-GĦAQDA TAL-BIBBJA
## Efesin 4:1-6

> "*Inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa skond is-sejħa li biha kontu msejħin; billi bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin. Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda; Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd*"

(Efesin 4:1-6).

Illum ħassieba reliġjuża jirrealizzaw li waħda mill-akbar problemi fil-Kristjaneżmu hija n-nuqqas ta' GĦAQDA fost dawk li jemmnu fi Kristu. Diviżjonijiet ta' dawk li jipprofessaw li jimxu wara Kristu ikkawżaw taħwid kbir fil-kawża tal-Mulej tagħna. Illum aħna naraw knejjes jirsistu għall-"għaqda," imma mhux għall-*unità*.

Kien hemm żmien meta kien hemm **biss knisja waħda**:

> "*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq **il-knisja kollha, li hi ġismu**, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:22-23).

> "*Ġisem **wieħed** u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda*" (Efesin 4:4).

## IL-KNISJA KIENET MAGĦQUDA FL-EWWEL SEKLU 96 W.K.

Kristu talab lid-dixxipli kollha Tiegħu jkunu ĦAĠA WAĦDA. Ġesù talab,

> "*Miniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex id-dinja temmen li inti bgħattni*" (Ġwanni 17:20-21).

Ġesù kien jaf li unità bħal din twassal lid-dinja biex temmen Fih. Bl-għaqda l-ewwel knisja ppridkat l-Evanġelju lid-dinja mhux mgħarufa f'ġenerazzjoni waħda (Kolossin 1:23).

Kristu li kien imssallab u li ġab is-salvazzjoni mid-dnub lid-dinja kien il-ġabra u s-sustanza tal-pridkar tagħhom. *Hu* kien il-Fundatur u l-Pedament tal-knisja (Mattew 16:18; 1 Korintin 3:11) *Hu* kien ir-Ras tal-knisja (Kolosin 1:18; Efesin 1:22).

Kien hemm UNITÀ fil-fidi u l-prattika tagħhom. ***Fidi Fih*** kienet meħtieġa. Ġesù jgħidilna,

> "*Għalhekk għedtilkom, li tmutu fi dnubiet-kom: għax jekk ma temmnux li jiena hu tmutu fi dnubietkom*" (Ġwanni 8:24).

***Indiema*** kienet ippridkata f'Ismu,

> “*U qallhom: “Hekk kien miktub, li l-Mes-sija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem*” (Luqa 24:46-47).

Li ***tistqarru*** kien ipprattikat,

> “*Filippu qallu: “Jekk temmen b'qalbek koll-ha, tista'. U wieġeb, u qal: Nemmen li Ġesù Kristu hu Bin Alla*” (Atti 8:37).

> “*Kull min mela jistqarrni quddiem il-bned-min, lilu nistqarru wkoll quddiem Missieri li hu fis-smewwiet*” (Mattew 10:32).

***Magħmudija Fih*** kienet ikkmandata,

> “*U ordnalhom li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu…*” (Atti 10:48).

> “*Ma tafux, li ħafna minna li konna mgħam-mdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu? Għalhekk aħna midfunin mie-għu bil-magħmudija fil-mewt; bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja*”(Rumani 6:3-4).

KRISTU kien prominenti fil-ħajja tagħhom (Filippin 1:20-21). Il-Kristjani kollha kellhom l-istess regola ta' ħajja biex tirregola l-kondotta tagħhom. Kulma għamlu kien fl-Isem ta' Kristu. L-appostlu ispirat jgħidilna,

> “*U kulma tagħmlu bil-kliem jew bl-egħmil, għamlu kollox f'isem Sidna Ġesù, u roddu ħajr lil Alla u lill-Missier permezz tiegħu*” (Kolossin 3:17).

Huma lkoll kienu jilbsu l-istess isem; kull dixxiplu kien identi-fikat b'Isem il-Mulej,

> “*…U f'Antijokja d-dixxipli kienu msejħin Kristjani*” (Atti 11:26).

> “*Imma jekk xi ħadd ibati bħala Kristjan, m'għandux mniex jistħi; ħa jigglorifika 'l Alla għal dan l-isem*” (1 Pietru 4:16).

Li tbiddel il-messaġġ f'xi mod kien ipprojbit għal kollox. L-appostlu Pawlu jwissi f'Galatin 1:8-9,

> *"Iżda kemm jekk aħna, jew anġlu mis-sema, ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li xandarnielkom aħna, ħa jkun misħut. Bħal ma għidna qabel, hekk narġa' ntenni issa: Jekk xi bniedem ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li ħadtu, ħa jkun mistħut."*

Permezz ta' l-unità tal-messaġġ tagħhom unità tal-fidi u prattika kienet inevitabbli. Diviżjoni fost is-segwaċi ta' Kristu kienet ikkundannata u maħruġa fil-beraħ mill-ewwel. L-appost-lu Pawlu jgħidilna b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> *"Issa nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li lkoll titkellmu l-istess ħaġa, u li ma jkun hemm ebda firda bejnietkom; iżda li tkunu magħqudin għalenija, fehma waħda, u ħsieb wieħed"* (1 Korintin 1:10).

Naqraw f'Titu 3:10,

> *"Bniedem li jġib il-firda widdbu darba darb-tejn, u mbagħad aħrab minnu."*

Ukoll l-appostlu Ġwanni għandu din it-twissija:

> *"Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu"* (2 Ġwanni 9-10).

Huma kellhom l-unità b'kunsens, mhux b'ġegħil.

Kien hemm unità ta' organizzazzjoni fil-knisja taħt Kristu, ir-Ras (Kolossin 1:18; Filippin 1:1). Aħna nsibu l-istess uffiċji fil-kongregazzjonijiet kollha.

Kien hemm unità ta' qima. L-istess atti kienu mwettqa minn kulħadd, għall-istess skop (Efesin 3:20).

Il-knisja fl-ewwel seklu kellha rabta waħda ta' għaqda, fidi fi Kristu u ubbidjenza għar-rieda Tiegħu (Ġakbu 4:12). Huma kellhom rabta waħda ta' affiljazzjoni. Imħabba lejn Alla u lejn xulxin; missjoni waħda, il-konverżjoni tad-dinja; u destin wieħed, il-belt ta' dejjem ta' Alla!

## UNITÀ MITLUFA FL-APOSTASIJA

**570** **1517**

Għalliema eretiċi kienu msikkta bil-verità fl-ewwel seklu. Madankollu, huma bdew jiffjorixxu fit-tieni seklu. Ix-xogħol

tagħhom wassal għaż-żminijiet tad-dlam meta l-verità ta' Alla kienet injorata għall-fabrikazzjonijiet tal-bnedmin.

Kien hemm nuqqas ta' qbil matul dan iż-żmien, imma wara li l-knisja rċeviet għarfien governattiv fis-sena 325 hija eżer-ċitat setgħa biżżejjed biex issikket l-oppożizzjoni bix-xabla. Imbagħad kien hemm *konformità b'ġegħil*—ħaġa li Ġesù **qatt** ma japprova.

Dawk li pprotestaw kienu maqtula sakemm Martinu Luteru kiseb il-protezzjoni tal-'Elector of Saxony' u beda l-ewwel rewwixta b'suċċess. Bosta firdiet oħra kienu magħmula b'suċ-ċess qrib dak iż-żmien fl-Isvezja minn Zwingli, u fl-Ingilterra minn Enriku VIII.

Il-biċċa l-kbira tar-riformaturi xtaqu biss li jirriformaw il-ġisem reliġjuż li kien jeżisti. Luteru ried li jirriforma l-knisja Kattolika f'ċertu tagħlim u prattika li hu ma kienx jemmen li kien jaqbel għat-tagħlim tal-Bibbja. Wara John Wesley ried li jirriforma l-Knisja ta' l-Ingilterra għall-istess raġuni. Dan kien misjub impossibbli, u r-riformaturi dlonk irrealizzaw li l-uniku mod li huma kienu jistgħu jesprimu l-esspressjonijiet tagħhom kien li jiġbdu lis-segwaċi tagħhom u li jiffurmaw gruppi ġodda li dlonk kibru f'kongregazzjonijiet, imbagħad f'denominazz-jonijiet.

Biex jipproduċu konformità fost in-nies tagħhom ir-riforma-turi kitbu kredijiet, stqarrijiet ta' fidi, katekiżmi, u affarijiet oħra bħal dawn.

Kulħadd irsista biex jagħmel konverti għat-teoloġija tiegħu stess. Billi Luteru, Galvinu, Zwingli, u oħrajn ma kinux jaqblu bejniethom, is-segwaċi tagħhom argumentaw, inqasmu, u ħad-mu f'kampijiet ta' ġlied. Sħubija fosthom kienet impossibbli. B'hekk qamet id-diviżjoni denominazzjonali. Il-"Kristjaneż-mu" ma baqax aktar preżenti bħala front magħqud għad-dinja.

Bħallikieku dan ma kienx ħażin biżżejjed, id-diversi denominazzjonijiet kellhom diviżjoni nterna. Minn għaxra sa għoxrin qasma minn denominazzjoni waħda ma kinetx xi ħaġa mhux tas-soltu. Għalkemm denominazzjonalisti taż-żmien pre-żenti jgħarfu l-ħażen tad-diviżjoni l-isforzi tagħhom għall-unità jisfaw fix-xejn. Huma qegħdin jippruvaw jagħmlu l-għaqda b'regoli tal-bnedmin! Ir-riżultat huwa, aktar denominazzjoni-jiet, aktar gruppi b'ismijiet differenti, eċċ. Agħti ħarsa mad-warek, kemm fil-knisja Kattolika kif ukoll fost id-denominazz-jonijiet kemm ismijiet ta' gruppi jeżistu li ma ssibhom **imkien** fil-Bibbja Mqaddsa!

Per eżempju, Knisja A tipprova tingħaqad ma' Knisja B. Wara snin ta' negozjar il-knisja Magħquda AB hija ffurmata. Xi wħud fil-Knisja A ma jimxux ma' din l-għaqda. Huma jib-qgħu fil-Knisja A. Hekk ukoll xi wħud mill-Knisja B. B'riżultat ta' l-"għaqda" aħna għandna tliet denominazzjonijiet minflok tnejn, A, B, AB—iżidu għad-diviżjoni minflok ma jirranġawha! Jekk inħarsu lejn x'inhu jiġri llum, insibu fil-knisja Kattolika, Kariżmatiċi, Katakumeni, Neo-Katakumeni, Fokolari, eċċ. Jekk inħarsu lejn id-denominazzjonijiet differenti li jeżistu, l-istess, nistgħu nimlew paġna sħiħa b'ismijiet differenti! Il-mistoqsija hija, meta l-Mulej

qal, li kien se jibni l-knisja Tiegħu, kien qiegħed ifisser għal xi waħda minn dawn?

## LURA GĦALL-BAŻI TAL-BIBBJA TA’ L-UNITÀ
**1830 Preżent**

Kmieni fis-seklu dsatax numru ta’ rġiel ta’ diversi fidijiet xtaqu għall-unità, u fittxew mezzi biex imexxuha ’l quddiem. Għall-ewwel ħasbu dwar “għaqda,” imma kif huma studjaw il-problema aktar bil-għaqal sabu li kien hemm sempliċiment pedament veru wieħed biss ta’ unità—ritorn għall-bażi li fuqha l-knisja kienet magħquda fl-ewwel seklu. Għal dan huma qalu “aħna nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta,” jiġifieri, l-unika awtorità finali tagħhom tkun il-Bibbja Mqaddsa u xejn aktar. Huma kienu jafu li qatt ma kienu jistgħu jibdlu l-Bibbja, għaliex Ġesù qal*:*

> “*Is-sema u l-art igħaddu, imma kliemi ma jgħaddix*” (Mattew 24:35),

imma huma kienu jistgħu jibdlu t-twemmin u l-prattika tagħhom infushom biex jaqblu mal-Bibbja.

Dawn l-irġiel kienu jafu li huma kienu ffaċċjati b’ħames mistoqsijiet maġġuri, li, jekk ikunu risolvuti, jagħtuhom pedament li jista’ jinħadem għall-unità.

1. Xi *kredu* jkun aċċettat minn kulħadd?
2. Fuq liema *isem* jaqbel kulħadd?
3. Xi kwalità ta’ *mużika* għandu jkollhom?
4. *Kemm spiss* għandhom josservaw l-Ikla tal-Mulej?
5. Xi jkun ipprattikat għall-*magħmudija*?

Li tgħid biċ-ċar problema huwa ta’ spiss li ssolviha. Il-problema ta’ l-unità li tidher ċara tirrivela tweġiba.

1. Kien ovvju li *kredu* miktub minn persuna waħda kien tajjeb daqs wieħed miktub minn persuna oħra, mela għalfejn wieħed ineħħi l-kredu tiegħu għall-kredu ta’ ħaddieħor? Ilkoll qablu li jieħdu l-istqarrija tal-Bibbja għall-fidi essenzjali. Fejn il-bnedmin ma kinux jaqblu mal-Bibbja, il-Bibbja żammet sħiħ. Il-Bibbja ma fihiex nuqqas ta’ qbil magħha nfisha. Hija tgħallem verità magħquda fuq is-suġġetti kollha.

Huma qablu li fuq dettalji nċidentali fejn il-Bibbja ma tilleġislax kull wieħed għandu jkollu l-opinjonijiet tiegħu, u huma xorta jistgħu jkunu magħqudin. Ebda wieħed ma jisforza l-opinjonijiet privati tiegħu fuq l-ieħor. Dan ikkawża lid-differenzi tagħhom jisparixxu u l-unità żammet.

2. *Isem* uman wieħed kien tajjeb daqs l-ieħor. Għaliex il-Kattoliċi jċedu l-isem tagħhom għal Luterani? Jew il-Battisti għall-Metodisti? L-isem KRISTJAN kien id-denominatur komuni li fuqu huma jistgħu jaqblu.

3. Kien hemm ħafna nuqqas ta' qbil dwar il-*mużika* mekka-nika fid-diversi denominazzjonijiet 150 sena ilu. Huma spiss kienu maqsuma fuqha. Argumenti kienu sħan. Imma, lkoll qablu li l-kant kien awtorizzat mill-Iskrittura Mqaddsa. Mela, kant mingħajr kumpanjament strumentali kien il-bażi għall-unità.

4. L-*Ikla tal-Mulej* kienet miżmuma minn denominazzjo-nijiet differenti f'waqtiet differenti. Ilkoll qablu li l-ewwel knisja kienu iżommha f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, u dik kienet il-prattika li ġġib l-unità.

5. Il-verità dwar il-*magħmudija* kienet ta' ħasda għal ħafna hekk kif huma studjaw mill-ġdid il-Bibbji tagħhom. Sar appa-renti li hawn ukoll kien hemm konformità. Minflok il-bosta "modi" ta' magħmudija, l-immersjoni kienet l-unika magħmu-dija pprattikata fl-ewwel seklu. Din kienet il-"forma" li dwarha lkoll kienu jistgħu jaqblu, għalkemm il-biċċa l-kbira minnhom kienu pprattikaw tibxix għall-magħmudija. Immersjoni fl-ilma kienet il-bażi għall-unità dwar il-magħmudija.

B'dawn il-prinċipji biex jiggwidawhom l-unità kienet mik-suba minn mijiet ta' eluf fl-ewwel parti tas-seklu dsatax. Ħafna nies illum għadhom isostnu din l-idea u b'hekk qegħdin isibu l-unità fi Kristu. Ħafna minn nies li jinsabu fil-Knisja ta' Kristu llum kienu membri ta' xi denominazzjoni. Huma sabu l-unità f'li jistudjaw il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, li tgħid lil kulħadd l-istess verità fuq kull suġġett.

L-unità mhix miksuba biġ-ġegħil, jew b'għaqdiet tal-knisja, imma billi kulħadd joqgħod għall-verità. Il-Mulej tagħna talab lill-Missier,

> "*Ikkonsagrahom permezz tal-verità: il-kelma tiegħek hi l-verità*" (Ġwanni 17:17).

Hija miksuba billli lkoll inkunu fehma waħda:

> "*Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ruħ waħda u fehma waħda*" (1 Korintin 1:10).

Hija misuba billi nibdlu kull twemmin ta' qabel li mhuwiex f'armonijia ma' l-istqarrija ta' l-Iskrittura.

> "*Ara, kemm hu tajjeb u sewwa li l-aħwa jgħammru*

*flimkien ħaġa waħda!*" (Salm 133:1).

## LURA GĦALL-PRIDKAR TAL-BIBBJA

Ħafna mir-reliġjonijiet tad-dinja huma nazzjonali. Persuna ssir membru fihom permezz tat-twelid naturali. Hekk kienet ir-reliġjon tal-Lhud taħt Mosè.

Ir-reliġjon ta' Kristu hija mad-dinja kollha. Din hija mħadd-na bi twelid mill-ġdid (Ġwanni 3:5), li jkun ikkawżat permezz tal-pridkar ta' l-Evanġelju (1 Pietru 1:23).

Il-kelma mlissna hija strument qawwi. Il-verità mlissna bil-libertà hija strument ta' ġustizzja tant kbir li Alla jużaha bħala l-qawwa Tiegħu għas-salvazzjoni (Rumani 1:16).

Evanġelisti huma n-nies li Alla pprovda biex iħabbru r-rieda Tiegħu (Efesin 4:11), u għalihom Hu għandu biss ordni waħda, "Ippridkaw il-kelma" (2 Timotju 4:2).

## PRIDKAR TAL-BIBBJA FL-EWWEL SEKLU
## 30 W.K. 96 W.K.

Alla poġġa l-qawwa Tiegħu li ssalva fl-Evanġelju. Naqraw f'Rumani 1:16,

> "*Jiena ma nistħix mill-evanġelju: għax l-evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu,...*"

Il-Fidi hija neċessarja (Rumani 10:13), u l-ubbidjenza lejn l-Evanġelju hija mitluba (1 Pietru 4:17; 2 Tessaslonikin 1:7-9).

Alla ordna li din il-qawwa li ssalva tkun eżerċitata permezz tal-pridkar (Mark 16:15). Il-knisja kienet imwieled f'Pentekoste (Atti 2), u l-ewwel ħaġa li għamlu l-appostli kienet li bdew jippriedkaw (Atti 2:14-41). Dlonk il-belt kollha kienet mimlija b'dak il-pridkar (Atti 5:28). Kull fejn il-knisja nfirxet kien permezz tal-pridkar ta' l-Evanġelju (Atti 8:4). Tant kien qawwi l-effett tal-pridkar ta' l-Evanġelju li dawk li ma kinux Kristjani ħasbu lid-dinja kienet se tkun maqluba ta' taħt fuq bih (Atti 17:6). Tant kienu bir-reqqa l-isforzi tal-Kristjani tal-bidu li l-appostlu Pawlu kiteb minn Ruman fis-sena 63 W.K.,

> "*...l-evanġelju li tħabbar lill-ħlejjaq kollha taħt is-smewwiet,*" (Kolossin 1:23).

Permezz tal-pridkar tagħhom l-appostli saru l-aktar figura qawwija ta' dak iż-żmien. Ix-xogħol tagħhom biddel il-korsa ta' l-istorja aktar mil-leġjuni ta' Ruma. Iċ-ċivilizzazzjoni mxiet fil-qawmien tal-pridkar tagħhom.

## APOSTASIJA MILL-PRIDKAR TAL-BIBBJA
## 570 1517

Il-pridkar dlonk iddallam meta mietu l-appostli. Liturġija tal-knisja kibret li fgat il-pridkar. Ftit ilħna kienu mismugħa fil-perjodu ta' wara l-appostli, imma dawn ma kinux qawwija biżżejjed biex iwaqqfu t-tbegħid mill-verità, lanqas biex jiksbu ħafna fl-evanġelizzazzjoni. Chrystrom kien eccezzjoni fir-raba' seklu, imma warajh kien hemm perjodu ta' 800 sena ta' silenzju mill-pulptu.

Bernard ta' Clairvaux (1091 – 1136), Peter Abelard (miet 1142), Francis ta' Assisi (1182 – 1226), u Thomas Aquinas (1227 – 1274) kollha għamlu xi pridkar. Ftit nies jaħsbu li hu-ma għamlu x-xogħol tal-pedament għall-movimenti tar-riforma.

Il-mexxejja fir-riforma kienu rġiel ta' qawwa tal-pulptu. Luteru, Galvinu, Zwigli, Knox, u Wesley kienu kollha rġiel ta' statura fil-pulptu. Il-Protestantiżmu kellu numru ta' nies li jdawwlu f'din l-għalqa bħal Phillips Broocks, Chas. H. Spur-geon, u Henry Ward Beecher.

Sat-tmiem tas-Seklu Dsatax il-pulpti ta' l-Amerika kienu mixgħula bi kwotazzjonijiet mill-Iskrittura. In-nies tbiegħdu ħafna milli jinterpretaw il-Bibbja, imma huma emmnu li din kienet il-Kelma ta' Alla. Huma emmnu li kienu jistgħu jiġġusti-fikaw id-dottrini tagħhom bil-Bibbja, għalhekk kienu jikkwo-tawha ta' spiss.

Fis-seklu għoxrin proċess bla ebda qawwa daħal sewwa f'li qered il-qawwa tal-biċċa l-kbira tal-pulpti, għaliex dan qered il-qawwa tal-messaġġ tal-pulptu. Il-moderniżmu daħal fil-pulptu. L-attitudni ta' kritika żejda bdiet biex tistaqsi l-awtorità ta' kollox—li ma kinetx tkun ħażina kieku x-xhieda kienet tkun imwieżna b'mod ġust. Imma, kienet ir-regola li tistaqsi kollox li kien għal żmien twil aċċettat, imbagħad, wara li ssir il-mistoqsija, ikun irriġettat.

L-evanġelju soċjali ħa post l-Evanġelju tas-salvazzjoni. Pre-dikaturi enfasizzaw fuq għajnuna primarjament ta' hawn u issa għaliex huma kellhom dubji kbar dwar il-ħajja wara l-mewt. Knejjes kienu mibdula f'xorta ta' każini ta' servizz igglorifikat, u l-liturġija ħadet il-post tal-qima li darba kienet libera. Wirjiet u proċessjonijiet b'ħafna tlellix li kienu jsiru biex jimpressjo-naw il-kongregazzjoni saru ħaġa komuni kif fil-fatt għadhom isiru sal-ġurnata tal-lum! Permezz ta' dawn il-predikatur beda jitlef l-importanza tiegħu.

Dak il-pridkar li kien jinstema' minn fuq dawn il-pulpti qatt ma kien jolqot is-suġġetti tad-dnub, il-ħlas bi tpattija ta' Ġesù Kristu, l-iskema tal-fidwa, il-pjan tas-salvazzjoni, id-divinità ta' Kristu, jew l-ispirazzjni tal-Bibbja Mqaddsa, ħlief li jiċħduhom. Ħares ftit u qabbel kemm minn dawn is-suġġetti msemmija fuq in-nies illum huma kapaċi jitkellmu dwarhom jew jiddefendu-hom!

Estrem wieħed inissel ieħor. Il-premillenjaliżmu huwa rew-wixta kontra l-moderniżmu, u dan imur 'il bogħod mill-verità f'direzzjoni waħda daqs kemm imur il-moderniżmu fid-direzz-joni l-oħra. Il-premillenjalisti jsegwu korsa għamja u grassa ta' litteraliżmu li jispiċċa f'konfużjoni sħiħa. Huma jirrappreżen-taw lilhom infushom b'mod falz bħala l-unika nies li mhumiex moderni, u ħafna nies li jirrifjutaw li jmorru mal-moderniżmu waqgħu vittma għall-propaganda tagħhom. Ħafna mid-denomi-nazzjonijiet prominenti kienu ġew maqsuma f'dawn iż-żewġ kampijiet—modernisti u premillenjalisti.

Xorta oħra ta' pridkar li huwa tbegħid mill-Evanġelju huwa pridkar "politiku." Il-modernist juża temi politiċi għal dak li huwa jsejjaħ "titjib soċjali." Il-premillenjalist juża suġġetti ta' gwerer u karattri bħal ma kienu Hitler, Mussolini, Hirohito, u Stalin għall-appell sensazzjonali tagħhom għal qrubija tal-miġja ta' Kristu. Meta dawn il-karattri jonqsu jew ifallu mit-tbassir tagħhom huma sempliċiment iduru lejn bniedem ieħor jew lejn ġrajja oħra biex iħabbru l-jum li jkun qed joqrob ta' Kristu.

Dan kollu huwa li titma' lir-ruħ fuq il-ħlief. Il-modernisti raw konvinzjonijiet iħallu l-kongregazzjonijiet tagħhom, u l-premillenjalisti għandhom ikomplu jikkaċċjaw għal xi ħaġa sensazzjonali biex iżommu l-udjenzi tagħhom.

Jekk irridu li nitimgħu lir-ruħ tal-bnedmin fuq il-qamħ tal-verità aħna għandna—

## IMMORRU LURA GĦAL PRIDKAR TAL-BIBBJA

**1830** **Preżent**

Aħna għandna nirrealizzaw li l-verità ma tinstabx fl-ideat kappriċċjużi tal-moderniżmu jew fl-ispekulazzjonijiet ħorox tal-premillenjaliżmu. *Il-verità qiegħda fl-Evanġelju*. Ġesù jgħidu dan meta talab lill-Missier,

> "*Ikkonsagrahom permezz tal-verità:* ***il-kelma tiegħek hi l-verità***" (Ġwanni 17:17)

Il-vera knisja ta' Kristu la hija premillenjali lanqas moderna. Hija tieqaf sewwasew fuq l-Evanġelju ta' Kristu, ubbidjenti għall-mandatt Tiegħu biex tippriedka l-Evanġelju, u dak l-Evanġelju waħdu (Ara Mark 16:15-16; 1 Korintin 2:2-5; Gala-tin 1:8-10; 2 Ġwanni 9).

GĦALIEX aħna għandna nillimitaw lilna nfusna għall-pridkar tal-Bibbja fil-pulptu? L-ewwel, hemm postijiet u żmini-jiet oħra meta integrità politika u titjib soċjali jistgħu jkunu mgħallma. It-tieni, *xi nies huma għatxana biex jisimgħu l-Bibbja*. Ftit tagħlim mill-Bibbja huwa wżat fuq il-pulptu llum. Staqsi lilek innifsek li qiegħed taqra dan il-ktieb kemm inti tisma' **tagħlim sħiħ** mill-Bibbja Mqaddsa? Tisma' xi siltiet jiġu kkwotati imma **mhux tagħlim sħiħ**! Silta tinqara u spiss dak huwa kollox. Tlieta jew erba' siltiet mill-Bibbja ma jagħm-lux priedka li titma' lir-ruħ u li twassalha għas-

salvazzjoni.

Aħna għandna nitimgħu r-ruħ b'mod xieraq billi nippridkaw eżattament dak li tgħid il-Bibbja u **mhux** l-opinjonijiet tagħna! Għandna nitimgħu r-ruħ billi nikkwotaw il-Bibbja spiss.

Billi nsegwu l-pridkar ta' l-appostli bħala l-mudell tagħna, aħna ma nkunux maħruġa mid-dover tagħna permezz tax-xeħ-tiet taż-żmien. Aħna għandna nġibu lura l-pridkar ta' l-appostli. Il-moderniżmu huwa filosofija fiergħa, u l-premillenjaliżmu huwa spekulazzjoni fiergħa. It-tnejn huma tal-mument u jgħad-du, imma l-Evanġelju ta' Kristu jibqa'. Ġesù jgħid hekk:

> "*Is-sema u l-art igħaddu, imma kliemi ma jgħaddiex*" (Mattew 24:35).

> "*Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 12:48).

## LURA GĦALL-AWTORITÀ TAL-BIBBJA
## Mattew 28:19

> "*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema u fl-art….*" (Mattew 28:19a).

Aħna neħtieġu awtorità fir-reliġjon biex inkunu nafu x'inhu veru jew falz, tajjeb jew ħażin. L-Awtorità għandha tgħidilna *x'għandna nemmnu, u x'għandna nagħmlu*. Għal min aħna nisimgħu bħala awtorità jiddetermina x'nemmnu u x'nagħmlu.

*Raġuni* mhix neċessarjament il-bażi għal proklama ta' l-aw-torità. Ix-*xewqa* ta' l-awtorità hija l-bażi għall-kmandi tiegħu.

Ladarba Alla jeżisti, Hu l-awtorità ultima fir-reliġjon. Ix-xewqat Tiegħu għall-bniedem huma l-bażi għall-ordnijiet Tiegħu. Iżda, fil-kmandi ta' Alla aħna nsibu kemm ir-raġuni u kemm il-verità ikkumbinati max-xewqa ta' Alla. Il-verità spirit-wali kollha tinsab f'Alla u toħroġ Minnu.

**AWTORITÀ TAL-BIBBJA IRRIVELATA**
**30 W.K. 96 W.K.**

Is-sommarju ta' l-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' Alla jinsab f'Lhud 1:1-2,

> "*Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien, huwa kell-imna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien.*"

Alla l-ewwel għarraf ir-rieda awtorizzata Tiegħu lil-Lhud permezz tal-profeti li kienu ispirati mill-Ispirtu s-Santu (2 Pietru 1:21). Dawk il-jiem spiċċaw.

F'dawn il-jiem Alla qiegħed ikellimna permezz ta' Ibnu. Ġesù Kristu qal li l-Missier kien tah kmandament, x'għandu jgħid:

> "*Għax jien ma għedt xejn minn moħħi, imma kien dak li bagħatni, jiġifieri l-Missier, li ordnali x'ingħid u x'nitkellem*" (Ġwanni 12:49).

Ġesù issa qiegħed jitkellem għal Alla, u aħna għandna nisimgħu Lilu. Il-Bibbja tgħid hekk dwar dan:

> "*Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen igħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi;* ***isimgħu lilu***" (Mattew 17: 5).

Ġesù kellu l-awtorità kollha kemm fis-sema kif ukoll fuq l-art:

> "*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat l-* ***awtorità kollha*** *fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

Ġesù kellu l-awtorità li jagħmel il-mirakli (Mark 1:27), u Hu kellu l-awtorità li jaħfer id-dnubiet (Mark 2:10).

Alla, il-Missier, ta din l-awtorità f'idejn Ibnu, Ġesù Kristu (Ġwanni 17:2). Fuq il-bażi li l-Missier tah l-awtorità kollha Kristu ordna lid-dixxipli Tiegħu biex jippridkaw l-Evanġelju (Mattew 28:18-20). Billi Alla ta din l-awtorità lil Kristu, dak li Hu jgħid permezz ta' l-appostli huwa r-regola ta' x'inhu tassew jew falz, tajjeb jew ħażin, għaliex huma kienu ggwidati fil-verità kollha mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassal-kom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni*" (Ġwanni 16:13).

L-appostli kienu mogħtija awtorità ddelegata biex jibnu l-knisja (2 Korintin 13:10). Huma kienu jistgħu jorbtu u jħollu (Mattew 16:19), jaħfru jew iżommu d-dnubiet (Ġwanni 20:22-23; Atti 2:36-38), mhux kif huma nfushom għażlu li jagħmlu, imma kif huma kienu ggwidati mill-Ispirtu s-Santu li huma rċevew (Ġwanni 14:26). Ma kien hemm **ebda** suċċessjoni ta' l-awtorità tagħhom. Kien hemm biss tnax-il appostlu (Rivelazz-joni 21:14).

Xi ngħidu dwar awtorità evanġelista (dawk li jippridkaw)? Evanġelisti jistgħu jitkellmu "dawk il-ħwejjeġ" bl-awtorità kollha (Titu 2:15). Jiġifieri, meta huma jagħtu "hekk jgħid il-Mulej" għall-istqarrija tagħhom, huma għandhom l-awtorità kollha:—mhux li l-evanġelisti huma l-awtorità, kif tgħallem il-knisja Kattolika Rumana, jiġifieri, li l-isqfijiet u l-qassisin **huma** l-awtorità, imma li huma qegħdin *jikkwotaw* l-awtori-tà—dak li Alla jgħid permezz ta' Kristu fil-Kelma Tiegħu.

Anzjani (isqfijiet) li jmexxu l-kongregazzjonijiet lokali jagħmlu dan biss bħala amministraturi għal Alla kif Hu jordna permezz tal-Kelma Tiegħu (Lhud 13:17; 1 Timotju 5:17).

Alla ta lil Kristu awtorità assoluta leġislattiva u ġudikali. L-Iskrittura tgħid hekk dwar dan:

> "*Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-liġi, wieħed biss l-imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred…*" (Ġakbu 4:12).

Ġesù pprojbixxa l-eżerċizzju ta' awtorità bħal dik li għandhom id-denominazzjonijiet meta huma jiltaqgħu mad-delegati biex: (1) jagħmlu liġijiet li jiggvernaw lill-bniedem fl-isforzi tiegħu biex iservi lil Alla, u (2) Jippruvaw biex jisfurzaw dawk ir-regolamenti ta' fidi. Imma Ġesù jgħid:

> "*…Tafu intom, dawk in-nies, li l-bnedmin igħodduhom bħala kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom. Fostkom ma għandux ikun hekk….*" (Mark

10:42-43).

Kristjani tat-Testment il-Ġdid jagħrfu li Kristu għandu l-aw-torità kollha u li dak kollu li Hu awtorizza kien mogħti permezz ta' l-appostli u l-profeti (Efesin 3:5), u issa jinsab fit-Testment il-Ġdid.

## TBEGĦID MILL-AWTORITÀ TAL-BIBBJA

**570** **1517**

Fil-perjodu ta' wara l-appostli, it-*tieni* u t-*tielet sekli*, konċil-ji ta' isqfijiet bdew jiltaqgħu u jiddefinixxu l-fidi u l-prattika għall-Kristjani. Dawn il-konċilji ta' isqfijiet gradwalment saru l-vuċi ta' awtorità għall-knisja. L-Iskrittura kienet ivvenerata bil-kliem, imma subordinata għad-deċiżjonijiet ta' l-isqfijiet. Dawk id-deċiżjonijiet saru linji prinċipali ta' kredu komuni, u s-setgħa ta' l-isqfijiet kompliet tiżdiet.

Mir-*raba' seklu* għaż-*żminijiet tan-nofs* l-awtorità ta' l-isqfi-jiet kienet organizzata għall-forma permanenti u ġenerali fil-konċilji. Għad-deċiżjonijiet tagħhom ubbidjenza kienet mitluba fuq kastig ta' skomunika. Waqt li jistqarru li jiddefinixxu biss it-tagħlim ta' Kristu huma libbsu lilhom infushom u d-deċiż-jonijiet tagħhom bl-awtorità ta' Kristu. Dan għadna narawh isir illum ukoll!

Miż-*żminijiet tan-nofs* għall-*perjodu tar-riforma Kristu u l-Kelma Tiegħu sofrew eklissi totali meta l-awtorità assoluta tal-knisja kienet ippressata*.

Il-knisja ta' Ruma kkonċentrat fl-episkopat tagħha l-awtorità kollha tat-tradizzjoni, isqfijiet, konċilji u kull ħaġa oħra miżmu-ma bis-setgħa fuq il-moħħ tal-knisja. L-Iskrittura kienet injorata u l-Isqof ta' Ruma eżerċità l-awtorità plenarja ta' Alla fuq l-imħuħ u fuq il-ħajja tan-nies.

Boniface VIII aċċetta fl-Editt tat-tmintax ta' Novembru, 1302 id-dottrina tal-papat ta' Tumas, "Aħna niddikjaraw, ngħidu, niddefinixxu u nippronunzjaw li huwa essenzjali għas-salvazzjoni li kull kreatura umana tkun suġġetta għall-papa Ruman."

Infallibbiltà papali kienet iddikjarata fil-Konċilju Vatikan ta' l-1870, "Il-Papa Ruman, meta hu jitkellem *ex Cathedra*….. għandu l-infallibbiltà li biha l-Feddej Divin libbes lill-knisja tiegħu f'li jfisser dottrina ta' fidi u morali." Dan huwa it-tmiem ta' l-awtorità umana.

Fil-movimenti tar-riforma xorta ta' awtorità ġiet fl-użu—awtorità interna, jew dak li "ħassew" in-nies. Huma ħadu s-sentimenti tagħhom (dak li huma kienu jħossu) bħala awtorità aħjar minn stqarrija ta' l-Iskrittura. Li timxi fuq dak li wieħed iħoss bħala awtorità għall-prattika reliġjuża jista' jwassal biss għall-konfużjoni bla ebda tama.

L-unika ħaġa li tista' ġġib uniformità għall-kunċett ta' awtorità huwa s-siwi ġewwieni morali ta' rivelazzjoni waħda minn Alla għall-bżonnijiet komuni ta' l-erwieħ tal-bnedmin kollha. Dan huwa għaliex aħna għandna—

## IMMORRU LURA GĦALL-AWTORITÀ TAL-BIBBJA
**1830 Preżent**

Aħna m'għandniex ħlief li ngħażlu bejn awtorità *umana* u awtorità *Divina*. *Awtorità umana* tinsab fil-konċilji tal-knisja, papiet, kredijiet, patti tal-knisja, u fejn in-nies jimxu skond dak li huma jħossu. Awtorità Divina tistrieħ fi Kristu u l-liġi Tiegħu murija fit-Testment il-Ġdid. Ġakbu jgħid, kif diġa kkwotajt:

> "*Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-liġi, wieħed biss l-imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred…*" (Ġakbu 4:12).

Ħalli mmorru lura u nobdu l-kmand ta' Alla biex nisimugħ:

> "*Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen igħid: "Dan hu ibni l-għażiż, li fiħ sibt il-għaxqa tiegħi: **isimgħu lilu**.*" (Mattew 17:5).

Għaliex xi ħadd ikun irid awtorità umana? It-tweġiba hija ovvja. In-nies jixtiequ li jipprattikaw affarijiet fir-reliġjon li Kristu **qatt** ma awtorizza. Huma jridu li jigglorifikaw lilhom infushom b'uffiċji għolja li l-Bibbja ma tippermettix. Ukoll, il-Bibbja tikkundanna ħafna milli huma jagħmlu, għalhekk huma jridu li jibiddluha permezz tal-kredijiet tagħhom.

Imma, il-verità **qatt** ma tvarja. Hija dejjem tgħid l-istess storja, u dejjem hija konsistenti fiha nfisha. Dak li darba kien verità dejjem huwa verità. Billi l-Kristjaneżmu huwa sistema ta' verità qatt ma jista' jinbidel—qatt ma jaħtieġ li jinbidel. Il-Mulej innifsu jgħidu dan fit-talba Tiegħu lill-Missier:

> "*Ikkonsagrahom permezz tal-verità: il-kel-ma tiegħek hi l-verità*" (Ġwanni 17:17).

Meta l-appostli kienu ggwidati fil-verità kollha (Ġwanni 16:13), ma kien hemm ebda verità oħra li jkunu ggwidati fiha; għalhekk, il-proċess tar-rivelazzjoni waqaf (1 Korintin 13:8-10; Ġakbu 1:25). Jekk inti tkompli titkellem wara li tkun għedt il-verità kollha fuq suġġett, jew inti tirripeti lilek innifsek jew tgħid xi ħaġa li ma tkunx tassew. Aħna ma rridux li ngħidu xi ħaġa li mhix il-verità, mela ħalli nkomplu nirripetu l-verità mogħtija mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostli u l-profeti fl-ewwel seklu (Efesin 3:5).

Il-bżonnijiet spiritwali tal-bnedmin huma dejjem l-istess. Il-verità laqgħet dawk il-bżonnijiet fl-ewwel seklu, u l-istess

verità tilqa' l-bżonnijiet kollha tar-ruħ illum. L-ispirazzjoni tgħidilna:

> "*Is-setgħa tiegħu ta' Alla tatna* ***dak kollu*** *li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba, billi għarr-fitna 'l Dak li sejħilna għas-sebħ u l-qawwa tiegħu*" (2 Pietru 1:3).

Jekk inti taħseb li se jkollok l-inkwiet dwar liema se tgħażel bejn awtorità umana jew Divina, ikkunsidra dan il-punt: x'se jiġġudikak fl-aħħar jum: Sejjer Alla jiġġudikana skond id-deċiżjonijiet ta' konċilji, jew ta' kif aħna nħossuna? Le! Hu se jiġġudikana permezz ta' dak li Kristu qal:

> "*Min jisma' kliemi u ma jħarsux, jiena ma nagħmilx ħaqq minnu, għax jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva d-dinja. Min imqadar* ***lili u ma jilqax kliemi****, hemm min jagħmel ħaqq minnu:* ***il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minu fl-aħħar jum***" (Ġwanni 12:47-48).

Mela għażel li tmur lura għall-awtorità tal-Bibbja għal dak kollu li inti tagħmel fir-reliġjon. Ieqaf milli tkompli tagħmel xi ħaġa li ma tistax issib awtorità għaliha fil-Bibbja. Irrispetta s-silenzju ta' l-Iskrittura. L-Iskrittura hija elokwenti. Ibda pprattika l-ħwejjeġ awtorizzati li ma kontx taf qabel. Ikber fil-grazzja u fl-għarfien ta' Kristu (2 Pietru 3:18), u inti tkun aċċettabbli għal Alla fil-jum tal-ħaqq (Rivelazzjoni 20:12).

Għall-Kristjani Kristu waħdu Hu s-Sultan, u l-Kelma Tiegħu biss hija r-regola tal-fidi u prattika għalihom.

## LURA GĦALL-KREDU TAL-BIBBJA
## 2 Timotju 3:16-17

L-appostlu ispirat jgħidilna:

> "*L-iskrittura kollha hija ispirata minn Alla, u tiswa biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

Meta aħna nitkellmu dwar li mmorru lura għall-Bibbja jidher li din hija xi ħaġa stramba għal xi nies. Huma jgħidu: "Aħna dejjem kellna l-Bibbja." Biss f'ċertu qies. Hemm **ħafna** mill-Bibbja li huma qatt ma semgħu dwaru, u **ħafna** li huma semgħu fir-reliġjon li mhuwiex fil-Bibbja. Aħna naħtieġu li mmorru lura għall-Bibbja 'l fuq mill-immaġinazzjoni ta' ħafna.

Ma nistgħux aħna nistmaw b'mod xieraq il-bżonn tagħna li mmorru lura għall-Bibbja qabel ma l-ewwel nifhmu x'għamlet il-Bibbja għall-Kristjani tal-bidu, kif dan il-prinċipju kien mit-luf fost il-kredijiet (tagħlim u dottrini) tal-bnedmin, u, fl-aħħar-nett, kif immorru lura għall-pożizzjoni oriġinali tal-Kristjani ta' l-ewwel seklu.

## KIF IL-BIBBJA KIENET UŻATA MILL-KRISTJANI TAL-BIDU

**30 W.K. 96 W.K.**

Il-Bibbja kienet l-unika "ktieb ta' tagħlim" li huma kellhom. Huma rrealizzaw li l-Bibbja kienet ktieb għan-nies komuni, li

ma kinetx ktieb tal-"kleru" jew ta' l-aristokrazija. Lanqas ma kienet għall-iskular, lanqas għal filosofu waħdu. Il-Bibbja ma kinetx miktuba minn konċilju tal-knisja, imma minn nies qaddisa ta' Alla kif huma kienu ggwidati mill-Ispirtu s-Santu (Efesin 3:5). Il-Bibbja kienet mogħtija lin-nies kollha f'lingwa li n-nies komuni jistgħu jifhmuha. It-Testment il-Ġdid kien miktub fid-djalett tal-Grieg li kien użat minn nies komuni.

Il-Kristjani tal-bidu l-ewwel irċevew Evanġelju orali kif dan kien imwassal mill-appostli. Fih huma komplew sodi (Atti 2:42). Għalihom dan kien kliem mis-smewwiet għaliex il-Mulej kien wiegħed:

> "*Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkon kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom*" (Ġwanni 14:26).

Aktar wara meta l-Evanġelju kien miktub mill-appostli u l-profeti huma għarfuh bħala l-istess Evanġelju (1 Korintin 2:13; Efesin 3:3-5). Huma kienu jafu li permezz ta' l-Evanġelju, Kristu kien qiegħed ikellimhom (Lhud 1:2; 2 Pietru 3:2). Għalihom l-Evanġelju kien awtorità finali fil-ħwejjeġ kollha li xtaq Alla mill-bniedem (2 Pietru 1:3).

Il-Kristjani ta' l-ewwel seklu ħarsu fuq it-Testment il-Qadim bħala l-liġi ta' Alla lil Israel qabel ma Kristu ġie (Malakija 4:4). Bħala liġi dan miet ma' Kristu (Rumani 7:4; 10:4). Aħna m'aħniex aktar taħtu, imma taħt il-grazzja ta' Kristu (Rumani 6:14). Għall-Kristjani t-Testment il-Qadim huma *twiddiba*, *eżempju*, u *twissija* għall-fedeltà lejn Alla (Rumani 15:4; 1 Korintin 10:11).

It-Testment il-Ġdid wera l-vera "kredu" ta' l-ewwel Krist-jani. Il-kelma "kredu" ġejja mil-Latin u tfisser "Jiena nemmen." Din kienet primarjament applikata għall-*wieħed* emmnut, pjut-tost milli *x'kien* emmnut. Per eżempju, Pietru stqarr il-kredu tal-Kristjani f'Mattew 16:16*, "Inti 'l Kristu, l-iben ta' Alla l-ħaj.*" Il-Bibbja kollha tgħallimna biex nemmnu Fih, u minn dik il-fidi, nagħmlu dak kollu li Hu jikkmanda. Fl-ewwel seklu l-Kristjani wrew it-twemmin tagħhom fil-lingwa tat-Testment il-Ġdid (Rumani 10:17).

Dawk il-Kristjani ħarsu fuq it-tagħlim ta' l-appostli, l-ewwel orali, imbagħad miktub:

1. Għad-dottrina li huma kellhom jgħallmu u jemmnu (2 Timotju 3:16).
2. Għall-pjan tas-salvazzjoni li huma kellhom jobdu (Rumani 6:16-18).
3. Għal sħubija fil-knisja t-tajba (Atti 2:41,47).
4. Għax-xogħol li kellhom jagħmlu (Mark 16:15; Efesin 3:10-11; Galatin 2:10; 6:10).
5. Għall-qima spiritwali li fiha kellhom jieħdu sehem (Lhud 13:15;

Filippin 3:3).

6. Għal struzzjonijiet fil-ħajja li fiha għandu jgħix il-Kristjan (Galatin 5:16-19; Filippin 1:20-21).

## IL-QAWMIEN TA' KREDIJIET UMANI

570 1517

Mhux wisq wara lit-Testment il-Ġdid kien miktub komple-tament aħna nsibu li bdew jidhru kredijiet umani. Mhux bħat-Testment il-Ġdid, dawn kienu miktuba minn skulari speċjali, jew konċilji ta' skulari. Kredijiet umani jiġu mill-għerf tal-bnedmin minflok mir-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Dawn kienu stqarrija sistematika ta' fidi religjuża. Din saret li tkun "x'kien" emmnut minflok *min* kien emmnut. Fit-twaqqif ta' diversi knejjes l-oriġinatur sabha meħtieġa li jagħmel dikjar-azzjoni formali tal-fidi ta' dik il-knisja. Din kienet imsejħa l-kredu tiegħu.

Fil-perjodu ta' wara l-appostli l-konċilji ta' isqfijiet, waqt li kienu qegħdin jippruvaw jiddefinixxu d-dottrina Kristjana, saru s-sors ta' bosta kredijiet.

L-ewwel li deher huwa d-*Didache*, jew "It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu." Dan id-dokument deher madwar is-sena 120 W.K. Dan ma kienx miktub mill-appostli, jew minn xi appostlu wieħed, imma kien maħsub li jkun sommarju tat-tagħlim tagħ-hom. Dan kien qrib mhux ħażin għal dak li qalu l-appostli, ħlief li dan ippermetta li tferragħ l-ilma minflok magħmudija (im-mersjoni) f'postijiet fejn ma kienx hemm ilma biżżejjed. Ħadd ma ssogra jipprattikaha, madankollu, sal-250 Novatian irċieva t-tferriegħ għaliex hu kien marid wisq li jkun mgħaddas.

Il-kredu ta' l-Appostli deher wara dan. Dan huwa l-aktar magħruf, u l-aktar li huwa ta' spiss użat, mill-kredijiet antiki. Il-Protestanti kif ukoll il-Kattoliċi jużawh. Fil-forma l-aktar antika tiegħu dan iġib id-data ta' 140 W.K., u għal darb'oħra ma kienx ix-xogħol ta' l-appostli, huma dan qatt ma rawh, imma kien irranġat bħala stqarrija ta' fidi, f'attentat biex jiġ-ġieled kontra l-ereżija. Il-forma kompliet tinbidel sa s-sbatax-il seklu.

Il-kredu ta' l-Apelles ġie fit-tieni seklu. Hu kien gnostiku li ċaħad li Kristu kien imwieled fil-ġisem minn verġni. Hu għallem li Kristu ħa l-ġisem Tiegħu mid-diversi partijiet ta' l-univers, u wara l-qawmien tahom lura lil dawk il-postijiet hekk kif Hu tela' fis-sema għal għand il-Missier it-Tajjeb.

Il-kredu ta' Niċea beda bil-kunsill ta' Niċea fis-sena 325 W.K., u kien komplut mill-konċilju ta' Konstantinopli fis-sena 381. Dan huwa l-uniku kredu li qatt kien aċċettat mill-knejjes tal-Lvant u tal-Punent.

Il-kredu Athanasian deher f'madwar id-disa' seklu, u kien prinċipalment elaborazzjoni tal-forom ta' qabel.

Mal-perjodu tar-riforma ħolqien ta' kredijiet irċieva qawwa ġdida. Il-biċċa l-kbira, dawn huma elaborazzjonijiet ta' forom ta' qabel b'artikli speċjali mfassla biex iħarsu dottrini distinti u pożizzjonijiet ekkleżjastiċi ta'

kull knisja.

L-Istqarrija ta' Fidi ta' Augsburg minn Martinu Luteru kienet maħruġa fl-1530. Il-Genevese, jew Calvinistic, 26 artiklu fl-1549. L-Olandiż, Sinodu ta' Dort, 1619; il-katekiżmu ta' Heidelberg; id-39 artiklu ta' Knisja ta' l-Ingilterra; l-Istqarrija ta' Fidi ta' Westminister; id-Dixxiplina; Standard Church Manual; u fl-aħħar l-hekk imsejħa "Rivelazzjonijiet ta' l-Aħħar Jiem" bdew b'Ġużeppi Smith fl-1827.

Il-kredijiet kollha bħal dawn iġibu 'l quddiem aktar firda u diviżjoni u konfużjoni fir-reliġjon.

## RITORN GĦALL-KREDU TAL-BIBBJA

**1830 Preżent**

*Jekk għandha tinġieb il-paċi barra mill-konfużjoni fir-reliġ-jon din għandha tkun permezz ta' stħarriġ fuq ġewwa ta' rive-lazzjoni waħda suprema li twassal għall-kunsens tal-fazzjonijiet kollha.* Il-Bibbja weħidha timpla dak il-post. Għaliha ħafna jaqblu.

Mela ħalli nużaw il-Bibbja kif għamlu l-Kristjani tal-bidu! It-Testment il-Qadim bħala eżempji u twissijiet dwar il-fidi u ubbidjenza, storja ta' trattar ta' Alla mal-bniedem; it-Testment il-Ġdid bħala l-liġi tal-fidi, ir-rivelazzjoni tal-grazzja, ir-rieda ta' Alla għalina llum, espressjoni adegwata tal-fidi tagħna fil-ħwejjeġ kollha.

Xi wħud jittħassbu u jgħidu, "Nistgħu aħna naqraw il-Bibbja mingħajr kredijiet u nifhmuha?" Efesin 3:3 jgħid li din hija miktuba kif irrivelaha Alla lill-kittieba. Vers 4 jgħid,

> "*Minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalba tal-misteru ta' Kristu.*"

Jekk kredijiet huma neċesarji biex tifhem il-Bibbja, allura ħaġa waħda minn żewġ ħwejjeġ hija tassew: 1. Alla ma kellux interess biżżejjed għall-bniedem biex jagħmel il-Kelma Tiegħu ċara, u n-nies li kitbu l-kredijiet għandhom aktar interess. Jew, 2. Alla ma kellux l-abbiltà biex jagħmel ir-rieda Tiegħu ċara, u nies fuq tagħhom għamlu biċċa xogħol aħjar milli għamel Alla. Redikolaġni! Alla għaref għal kollox, u jħobbna bla qies. Hu għamel ir-rieda tiegħu magħrufa f'lingwa ċara.

Il-bnedmin ċajpru l-Kelma ta' Alla bil-kredijiet tagħhom li ma jaqblux mall-Bibbja. Kredijiet iħawdu l-imħuħ tan-nies billi jgħawġu l-Iskrittura biex jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom. L-appostlu Pietru jgħidu dan b'ispirazzjoni meta jitkellem dwar l-ittri ta' Pawlu:

> "*Bħal ma għamel fl-epistoli kollha tiegħu, fejn jitkellem fuq dawn il-ħwejjeġ; li fihom hemm xi ħwejjeġ tqal biex tifhem, u li dawk li huma neqsin mit-tagħlim u mill-qawwa jgħawġu, bħal ma jagħmlu lill-*

*iskrittura l-oħra, għat-telfien tagħhom. Intom mela, maħ-bubin, billi tafu minn issa b'dawn il-ħwejjeġ, ħarsu ruħkom biex ma tinqabdux intom ukoll mill-iżbalji ta' nies bla liġi, u taqgħu mill-qagħda qawwija tagħkom*" (2 Pietru 3:16-17).

Per eżempju id-disa' artiklu tad-dixxiplina Metodista jgħid, "li aħna ġġustifikati bil-fidi biss . . . " Il-Bibbja tgħid li aħna m'aħniex iġġustifikati bil-fidi biss:

"*Taraw, mela li l-bniedem ikun iġġustifikat bil-għemil, mhux bil-fidi biss....Għax bħalma l-ġisem mingħajr ruħ hu mejjet, hekk ukoll hi mejta l-fidi mingħajr għemil*" (Ġakbu 2:24, 26).

Kontradizzjonijiet bħal dawn jinsabu spiss bejn il-kredijiet umani u l-Bibbja Mqaddsa. Meta n-nies jippruvaw jistudjaw u jemmnu lit-tnejn, huma jsiru tant konfużi li jiddeċiedu li jħallu l-istudju tal-Bibbja għat-teoloġi. Huma jaslu biex jiddubitaw li n-nies jistgħu jaqraw il-Bibbja u jifhmuha.

Għarfien ta' kredijiet u katekiżmi jikkawżaw velu li jitpoġġa fuq l-għarfien tad-denominazzjonalista. Stqarrija ċara tal-Bibbja, iffiltrata permezz ta' kredu tagħmel it-tifsira mċajpra u iebsa biex tifhimha. Din hija mqabbla għall-velu fuq il-qlub ta' ulied Israel fl-ewwel seklu (ara 2 Korintin 3). Meta dan il-velu, il-kredu, ikun imneħħi huwa jsib li l-kmandi ta' Alla huma mqiegħda f'sentenzi sempliċi u ddikjarati li hu jista' jifhem, jemmen, u jobdi. Dan se jkun muri bosta drabi fil-lezzjoni li jmiss.

It-Testment il-Ġdid jesprimi l-fidi tagħna fi Kristu. Dak li aħna nagħmlu f'ubbidjenza Lejh huwa r-riżultat tal-kredu tagħna—fidi—Fih. Jiena nemmen Fih tant b'mod qawwi li rrid nagħmel eżattament kif Hu jitlobni biex nagħmel.

It-Testment il-Ġdid jgħammarna b'dottrina biex ngħallmuha u nemmnuha, bi pjan tas-salvazzjoni biex nobduh, b'qima biex inwettquha, b'xogħol biex nagħmluh, u b'ħajja biex ngħixuha. Il-Bibbja tirrivela Alla biex inħobbuh, Kristu biex inkabbruh. Huwa l-messaġġ ta' l-Ispirtu li jġib il-maħfra tad-dnubiet, ħajja spiritwali issa, u ħajja eterna fis-smewwiet. Jagħti ferħ u skop lill-eżistenza umana, santità lill-ħajja, u sigurtà lir-ruħ li tgħammar b'mod fidil fit-tagħlim Tiegħu. IL-BIBBJA MQADDSA HIJA L-KREDU KOLLU LI R-RUĦ TIEGĦEK TISTA' TAĦTIEĠ!

## LURA GĦAD-DOTTRINA TAL-BIBBJA
## Atti 2:42

"*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*" (Atti 2:42).

F'li nittraċċja r-rivelazzjoni, telfien, u ksib mill-ġdid tad-dottrina tal-Bibbja jiena jkolli nitkellem f'termini wiesa l-biċċa l-kbira tal-ħin. Dottrini speċifiċi se jkunu wżati biex nuri x-xejriet taż-żminijiet. Dottrini oħra rċevew trattament simili fl-istess perjodu.

**DOTTRINA TAL-KRISTJANI TAL-BIDU**
**30 W.K. 96 W.K.**

Dottrina hija l-ħajja tal-knisja. Mingħajrha ma jista' jkun hemm xejn stabbli. Aħna ma nistgħux niġu għand Alla min-għajr tagħlim, jew dottrina. Ġesù qal:

> "*Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja; u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Hemm miktub fil-profeti, 'U kulħadd ikun imgħallem minn Alla.' Mela kull min jisma' lill-Missier u jitgħallem minnu jiġi għandi*" (Ġwanni 6:44-45).

Aħna ma nistgħux li jkollna l-fidi mingħajrha,

> "*Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu*" (Rumani 10:17).

Id-dottrina li wieħed jaċċetta hija l-pedament tal-fidi. Huwa għandu jkollu dottrina vera sabiex ikollu l-vera fidi (Titu 2:1). Id-dottrina ta' Kristu hija bl-awtorità. Naqraw f'Mattew 7:29,

> "*Għax hu kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba tagħ-hom*" (7:29).

> "*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

Din hija mill-Missier (Ġwanni 7:16; 12:49); imwassla mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostli (Ġwanni 14:26; 16:13). Il-kotba tat-Testment il-Ġdid mhumiex editti uffiċjali miġbuda minn konċilju tal-knisja, imma rivelazzjoni mis-smewwiet lill-bniedem. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Għalhekk jiena, Pawlu, jien, priġunier ta' Kristu minħabba fikom il-pagani…jekk, kif tassew ġara, intom smajtu bil-pjan tal-grazzja li Alla tani għall-ġid tagħkom, jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-misteru, bħalma ġa ktibtilkom fil-qosor. Minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalba*

*tal-misteru ta' Kristu. Dan hu l-misteru li fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija ma kienx mgħarraf lill-bnedmin bħalma issa ġie irrivelat lil l-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu*" (Efesin 3:1-5).

Il-Kristjani tal-bidu komplew f'din id-dottrina (1 Timotju 4: 13, 16); użaw l-Iskrittura għaliha (2 Timotju 3:16); tawha ġieħ (Titu 2:10); kellhom is-sabar fid-dottrina (2 Timotju 4:2); u obdew id-dottrina (Rumani 6:16-18).

Is-sistema tat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid hija msejħa:

1. Id-dottrina t-tajba (1 Timotju 4:6).
2. Kliem utieq, ta' saħħa (1 Timotju 6:3).
3. Dottrina ta' tjieba (1 Timotju 6:3).
4. Dottrina sħiħa (Titu 2:1).
5. Dottrina ta' l-appostli (Atti 2:42).
6. Fidi li ngħatat darba lill-qaddisin (Ġuda 3).

Huma kienu mwissija biex ma jkunux meħuda barra mit-triq minn dottrina falza (Efesin 4:14). Intqal lilhom li għalliema foloz iqumu (1 Timotju 4:1), li ma jħaddnux dottrina tajba (2 Timotju 4:3), jgħallmu ħwejjeġ li m'għandhomx jgħallmu għal qligħ (Titu 1:11). Il-Kristjani m'għandhom li jkollhom x'jaqs-mu xejn mad-dottrini ta' dawk in-nies (Kolossin 2:20-21), għaliex dawn il-ħwejjeġ jagħmlu l-qima tal-bniedem fiergħa. Ġesù nnifsu qalu dan meta qal:

"*Fiergħa hi l-qima li jagħtuni; jgħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:9; Mark 7:7).

Il-Kristjani huma pprojbiti li jkollhom sħubija ma' dawk li jgħallmu dottrini foloz (2 Ġwanni 9-10), u dawn in-nies għand-hom ikunu mkeċċija mill-knisja (Rumani 16:17).

## TBEGĦID MID-DOTTRINA VERA
**570 1517**

Ma kienx hemm firda ċara istantanja mid-dottrina tal-Bibbja, imma tbegħid gradwali fuq perjodu ta' bosta snin. Dak it-tbegħid kien aktar malajr f'xi ħwejjeġ milli kien f'oħrajn.

L-apostasija mill-verità hija maqsuma fi tliet perjodi maġ-ġuri:

1. ***L-Introduzzjoni ta' l-Apostasija***, it-tieni u t-tielet sekli. Il-magħmudija u l-Ikla tal-Mulej bdew ikunu rriferuti bħala "sagramenti." Li tferragħ l-ilma għall-magħmudija kien ipper-mettut bħala "magħmudija klinika" imma kien ipprattikat ftit. L-immersjoni tat-trabi kienet ipprattikata f'mod illimitat. Ereżija maġġura ta' dan il-perjodu kienet dik ta' Apelles li

ċaħad l-umanità ta' Ġesù.

2. ***Il-Kobor ta' l-Apostasija***, ir-raba' u l-ħames sekli. F'dan il-perjodu l-magħmudija tat-trabi saret aktar komuni; l-idea sagramentali tal-magħmudija u ta' l-Ikla tal-Mulej kienet kompluta; u s-saċerdozju u l-kleru kienu introdotti. Dawn huma x-xejriet prominenti. Arius ċaħad id-divinità ta' Kristu, imma kien opponut minn Athanasius ta' l-Ixandra li ġibed il-Konċilju ta' Niċea miegħu biex jikkundanna lil Arius bħala eretiku.

3. ***It-Tkomplija ta' l-Apostasija***, il-ħdax u s-sittax-il sekli. Transustanzjazzjoni (il-bidla tas-sustanza kollha tal-ħobż u ta' l-inbid fil-ġisem u fid-demm ta' Kristu) kienet kompluta bħala r-Raba' Konċilju Lateran, fl-1215. Fil-Konċilju ta' Trent tibxix kien awtorizzat formalment bħala magħmudija. Id-dottrini tal-purgatorju, tas-seba' sagramenti, u ta' l-indulġenzi kienu approvati.

Fir-riforma u l-formazzjoni ta' knejjes denominazzjonali t-tendenza kienet li jqumu kontra ħafna mid-dottrini tal-parti li topponi. Dan wassal għal estremi oħra bħal Luteru li, fil-qawmien tiegħu kontra l-indulġenzi, għallem li aħna nkunu ġġustifikati "bil-fidi biss." Qabbel Ġakbu 2:24. Madankollu, f'ħafna waqtiet ħafna mill-iżball li kien jeżisti fir-reliġjon kien adottat mingħajr dubju ta' xejn. L-idea tal-kleru u lajċi hija eżempju interessanti dwar dan. Ukoll, ħafna mill-verità dwar il-personalità u x-xogħol ta' fidwa ta' Kristu kienu miżmuma f'mod komuni, bħall-mewt ta' Kristu biex jifdina mid-dnub.

Ħafna mill-movimenti ta' riforma resqu aktar qrib tal-verità bħala grupp, iżda ħa tliet seki biex jitneħħew il-kollezzjonijiet kollha ta' żbalji tal-bniedem u tkun ippreparata t-triq għal—

## RITORN GĦAD-DOTTRINA TAL-BIBBJA
**1830 — Preżent**

Għall-bidu tad-dsatax-il seklu kien hemm talba kbira għal ritorn lejn id-dottrina tal-Bibbja f'kollox. Mhux f'post wieħed minn persuna waħda imma minn ħafna postijiet minn ħafna nies. Xewqa komuni fost dawn in-nies kienet li jgħallmu d-dottrina tal-Bibbja **biss** bħala l-verità (Ġwanni 16:13).

"Li nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta" bħala l-awtorità fir-reliġjon kienet il-kelma ta' gwida:

> "*Jekk xi ħadd għandu d-don tal-kelma, jipp-riedka l-kliem ta' Alla…*" (1 Pietru 4:11).

In-nies jistgħu jibdlu d-dottrina tal-Bibbja. Huma jistgħu jkabbru fuq l-istqarrija tagħha, imma ħadd ma jista jtejjeb fuq l-essenzjali tagħha jew iċ-ċarezza tagħha. Aħna ma nistgħux nibdluha bl-approvazzjoni ta' Alla. L-appostlu Pawlu jgħid:

> "*Se nitkellem ta' bniedem, ħuti: testment, għad li jkun ta' bniedem, ħadd ma jista' jwaqqgħu jew iżid miegħu kemm-il darba jkun magħmul kif imiss*" (Galatin 3:15).

Aħna naħtieġu li niftakru l-kliem ta' Ġesù:

> "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; jgħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:9)

Aħna għandna nagħtu widen għat-twissija ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Ladarba intom, bil-mewt tagħkom ma' Kristu, ħlistu mill-prinċipji tad-dinja, il-għala issa, bħallikieku għadkom tgħixu għad-dinja, tintrabtu bi preċetti bħalma huma: "La tiħux dan, la dduqx din, la tmissx dak"? U dan kollu għal ħwejjeġ li jiġu fix-xejn bl-użu: preċetti u tagħlim tal-bnedmin. Fil-wiċċ jidhru li fihom xi għerf: reliġjon volontarja, umiltà u tgħakkis tal-ġisem; fir-realtà ma jiswew xejn ħlief biex ipaxxu l-frugħat tal-bniedem*" (Kolossin 2:20-23).

Aħna naħtieġu li ma jkollna ebda sħubija ma' dottrina falza, imma li nħarsu fil-Bibbja għal dak kollu li ngħallmu. Ġwanni jgħidilna:

> "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu*" (2 Ġwanni 8-9).

Aħna għandna ngħallmu **biss** dak li hu mgħallem fil-Bibbja. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna x'għandna nagħmlu u x'regola għandna nużaw:

> "*Dan kollu, ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux iktar milli hemm miktub", ħalli ħadd minnkom ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor*" (1 Korintin 4:6).

Dan ifisser li aħna għandna nirrispettaw is-silenzji ta' l-Iskrittura kif ukoll l-istqarrijiet tal-Bibbja Mqaddsa. Is-silenzji ta' l-Iskrittura huma ta' spiss

elokwenti.

*Ma jieħux aktar żmien biex titgħallem il-verità milli biex titgħallem l-iżball.* Hija sempliċiment kustjoni li tmur fis-sors it-tajjeb. Studja l-Bibbja bl-istess regolarità u sens komuni li inti kieku kont tagħmel f'kull suġġett kbir ieħor, u tikseb għarfien ta' l-għaġeb minnha. Inti tista' personalment tmur lura għad-dottrina tal-Bibbja f'dak kollu li temmen u tipprattika fir-reliġjon. Eluf ta' nies hekk jagħmlu kull sena.

## LURA GĦALL-ORGANIZZAZZJONI TAL-BIBBJA
**Filippin 1:1**

> "*Pawlu u Timtoju, qaddejja ta' Kristu Ġesù, lill-qaddisin kollha fi Kristu Ġesù, flimkien ma' l-isqfijiet tagħhom u d-djakni, li jinsabu fil-belt ta' Filippi*" (Filippin 1:1).

Hemm minimu ta' organizzazzjoni fil-knisja tat-Testment il-Ġdid sabiex ikun hemm massimu ta' xogħol. Dawn il-ħwejjeġ li huma essenzjali biss għax-xogħol u l-funzjoni tal-knisja huma mogħtija lilha (lil l-organizzazzjoni). Organizzazzjonijiet ikkumplikati jikkawżaw ġlied għall-poter u jħawdu x-xogħol li Alla għandu għall-knisja biex tagħmel.

Pożizzjonijiet għolja ta' unur ma kinux magħrufa fil-knisja

fl-ewwel seklu (ara Mattew 20:23-27). Servizz, mhux setgħa ta' tmexxija, huwa l-parti l-aktar importanti ta' l-organizzazzjoni tal-knisja tal-Bibbja.

**ORGANIZZAZZJONI TAL-KNISJA TAL-BIBBJA**
**30 W.K. 96 W.K.**

L-organizzazzjoni kollha tal-knisja ssib ir-ras tagħha fi Kristu.

Dwar il-ħakma l-knisja hija saltna, u Kristu hu s-Sultan:

> "*Inwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu l-hieni u* ***waħdu setgħani, is-Sultan tas-slaten u s-Sid tas-sidien***" (1 Timotju 6:15).

Bħala organiżmu l-knisja hija magħrufa bħala ġisem. Kristu Hu r-Ras tal-Ġisem:

> "***Hu r-Ras*** *tal-Ġisem, li hu l-Knisja….*" (Kolossin 1:18).

Bħala post ta' qima l-knisja hija msejħa tempju bi Kristu bħala l-Qassis il-Kbir:

> "*Għax hekk ukoll Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir, imma dan tahulu Alla, li qallu: "Ibni int; illum jien nissiltek". U kif igħid ukoll band'oħra: "Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Mel-kisedek*" (Lhud 5:5-6).

Bħala familja (1 Timotju 3:15), Kristu huwa Ħuna l-kbir.
Bħala għalqa tad-dwieli, (Mattew 20), Kristu huwa l-Kap.
Bħala merħla Kristu huwa r-Ragħaj (Ġwanni 10:11).
Bħala l-għarus (2 Korintin 11:2), Kristu huwa r-Raġel fil-jum tat-tieġ.

TASSEW HU RAS FUQ IL-ĦWEJJEĠ KOLLHA GĦALL-KNISJA (Efesin 1:22-23).

Meta twieldet l-ewwel kongregazzjon f'Ġerusalem din kienet imħarsa mill-appostli (Atti 2:42; 4:35; 6:2). Meta l-knisja kibret għal fejn huma ma kinux jistgħu aktar jindokraw ix-xogħol kollu tagħha, kienet magħmula distinzjoni f'żewġ kwalitajiet ta' xogħol: 1. Il-ministeru tal-kelma, u 2. Il-ministe-

ru ta' l-imwejjed (Atti 6:2). Djakni kienu magħżula biex iservu l-imwejjed, u biex jieħdu ħsieb il-foqra. Aktar tard, meta l-appostli kienu mxerrda fix-xogħol tagħhom, aħna nsibu anzjani li ħarsu wara l-ministeru tal-klema, u ndokraw il-kongregazzjoni lokali (Atti 11:30; Lhud 13:17). Biex iħarsu jew jieħdu ħsieb l-affarijiet ta' kull kongregazzjoni aħna nsibu dawn iż-żewġ uffiċji: anzjani (xjuħ, isqfijiet, presbiteri) biex imexxu, djakni biex iservu (Filippin 1:1; Titu 1:5; 1 Timotju 3).

Fil-ministeru tal-kelma matul iż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid aħna nsibu: appostli, profeti, evanġelisti, ragħajja (anzja-ni), u għalliema (Efesin 4:11; 1 Korintin 12:28). L-appostli u l-profeti rċevew il-kelma minn Alla (Efesin 3:5), u tawha lil nies fidili (2 Timotju 2:2). Evanġelisti, anzjani u għalliema ħadu l-kelma rrivelata u għallmuha lil oħrajn (Titu 2:15).

Dwar id-djakni ma tantx jintqal fit-Testment il-Ġdid. Il-kwalifiki tagħhom huma mogħtija fl-ewwel Timotju 3, u huma assoċjati ma' l-anzjani f'Filippin 1:1. Mill-fatt li seba' f'Atti 6 kienu magħżula biex iservu l-imwejjed jindika lix-xogħol tagħ-hom kien li jaraw il-bżonnijiet tal-foqra, jew li jseru l-kongreg-azzjoni f'kull mod imfassal mill-anzjani tal-knisja.

Organizzazzjoni u tmexxija tal-knisja mid-dixxipli applikat biss għall-kongregazzjonijiet lokali (Filippin 1:1). It-termini anzjan, isqof, presbiteru, u ragħaj huma wżati għall-istess nies (Atti 20:17-18; Efesin 4:11;1 Pietru 5:1). Fl-organizazzjoni tal-knisja tat-Testment il-Ġdid ma kien hemm ebda differenza fl-anzjani, isqfijiet, presbiteri, u ragħajja tal-knisja. Dawn kienu kollha kliem li japplikaw għall-istess irġiel, imma kull waħda kellha s-sinjifikat tagħha stess dwar ix-xogħol tagħhom: 1. Anzjan—wieħed imdaħħal fiż-żmien, esperjenza; 2. Presbiteru jew Isqof—wieħed li jgħasses; 3. Ragħaj—indokratur, li jitma' lill-merħla. Dawn l-irġiel kellhom il-ħarsien ta' kongregazzjoni lokali (1 Pietru 5:2), imma qatt aktar minn waħda. Knejjes ma kinux organizzati f'distretti b'irġiel ir-ras ta' kull kongregazz-joni meta organizzata (Atti 14:23; Titu 1:5).

Il-mod li bih l-irġiel kienu magħżula, kif indikat permezz ta' l-uniku eżempju li għandna, Atti 6, kien għall-kongregazzjoni biex *tagħżilhom*, u għall-evanġelist biex *jappuntawhom* (Titu 1:5). Waqt li l-evanġelist jintqal biex jappuntahom, ma jintqalx lilu biex jagħżilhom. Il-kongregazzjoni għandha "tfittex minn fosthom" lil l-irġiel li huma ikkwalifikati biex iservu bħala anzjani u djakni. Kull kongregazzjoni għandha kontroll tal-ħwejjeġ tagħha nfisha. Fi ħwejjeġ ta' fidi huma kienu ggwidati permezz tal-Kelma ta' Alla (Rumani 10:17), u fi ħwejjeġ ta' opinjoni huma kienu ggwidati permezz tad-diċenza u l-ordni (1 Korintin 14:40).

Kull kongregazzjoni kienet indipendenti minn kull kongre-gazzjoni oħra fl-organizzazzjoni, kien hemm sħubija tal-fidili kollha, u kooperazzjoni fosthom f'xogħolijiet li kienu akbar milli kongregazzjoni waħda kienet tiflaħ

għalihom weħidha (2 Korintin 8:9).

## APOSTASIJA MILL-ORGANIZZAZZJONI TAL-BIBBJA KOBOR TAL-ĠERARKIJA

**570 1517**

Sewwasew il-ħaġa pprojbita minn Kristu ġrat fil-perjodu ta' wara l-appostli fejn naqraw f'Mattew 20:25-27,

> *"Imma Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Tafu intom, fost il-pagani l-kapijiet qegħdin biex jikkmandaw, u l-kbarat biex iħaddmu s-setgħa tagħhom. Fostkom ma għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħ-kom. Hekk ukoll Bin il-bniedem, ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."*

L-uffiċji ta' appostlu u profeta mhumiex imsemmija wara l-mewt ta' Ġwanni. Ix-xogħol tagħhom kien komplut meta l-verità sħiħa, it-Testment il-Ġdid, kien irrivelat mis-smewwiet.

Mis-sena 100 għas-sena 325 W.K. aħna naraw l-iżvilup tal-"veskovat." Wieħed mill-anzjani f'kull kongregazzjoni beda biex isostni li hu kien "l-isqof" ta' dik il-knisja, u l-anzjani l-oħra kienu taħtu. Minflok ma grupp ta' anzjani jmexxu kull knisja kien hemm "l-isqof" fuq kull kongregazzjoni. Imbagħad l-aktar isqof setgħan f'kull belt ħa l-kongregazzjonijiet kollha taħt ġwenħajh. Imbagħad hu laħaq u ħa l-bliet ta' madwar; b'hekk huwa kellu "djoċesi." L-isqof ta' l-ikbar djoċesi ħa taħtu d-distretti li kienu iżgħar, b'hekk hu sar *arċisqof* fuq l-arċidjoċesi. Il-kleru kien organizzat f'forma permanenti fil-konċilji. Il-"lajċi" tilfu l-kontroll kollu tal-knisja, u l-kleriċi saru "qassisin," u medjaturi bejn Alla u l-bniedem. Dan għadu fil-prattika llum fil-Knisja Kattolika Rumana għalkemm huwa kuntrarju għal kollox għal dak li l-Mulej ordna!

Mis-sena 325 għas-sena 600 aħna naraw il-papat jistabbi-lixxi lilu nnifsu. Sistema ta' qrati tal-knisja u liġi tal-knisja ġew fl-eżistenza, iffurmati minn deċiżjonijiet tal-konċilji ta' l-isqfijiet. Proprjetà tal-knisja kienet miżmuma mill-kleru. L-arċisqfijiet ta' l-akbar ħames arċidjoċesi fid-dinja ħadu taħthom dawk iżgħar, u dawn il-ħamest irġiel saru "Patrijarki."

Il-knisja f'Ruma saret l-aktar influwenti minħabba l-pożizz-joni tagħha fil-kapitali tad-dinja, u l-Isqof ta' Ruma sar l-aktar figura setgħana fil-knisja, b'l-uniku rivali tiegħu il-Patrijarka ta' Konstantinopli. Mal-waqa' ta' l-Imperu Ruman fil-ħames seklu l-knisja kienet tidher li kienet l-unika istituzzjoni soda fid-dinja, b'hekk is-setgħat ta' l-isqfijiet kienu mkabbra

ħafna.

Konċilji ekumeniċi ta' l-isqfijiet tal-knisja kienu miżmuma. Huma kienu jistqarru li kienu l-vuċi nfallibbli tal-knisja. Id-deċiżjonijiet dottrinali ta' dawn il-konċilji kienu milquha bħala ispirati u finali. Id-dogmi tagħhom kienu msejħa mill-imperatur bħala l-liġi ta' l-Imperu.

Fis-sena 570 l-Isqof ta' Ruma kien iddikjarat li huwa "Papa" tal-knisja fil-Punent, waqt li l-Patrijarka ta' Konstantinopli kien imħares bħala r-ras tal-knisja tal-Lvant.

Il-perjodu mis-sena 600 sa' l-1051 ra d-diviżjoni tal-knisja. Il-knisja fil-Lvant u l-knisja fil-Punent kellhom lingwi u użanzi differenti li biegħdu s-sentimenti ta' bejniethom ta' interess lejn xulxin. Fid-disa' seklu r-relazzjonijiet saru tant issikati li l-Papa skomunika lill-Patrijarka ta' Konstantinopli. Aktar wara s-sħubija kienet miġjuba lura mill-ġdid għal xi żmien, imma l-kontroversja reġgħet qamet fis-seklu ħdax. Fis-sittax ta' Lulju, 1054 il-Papa skomunika lill-Patrijarka u lil dawk kollha li kienu mxew warajh, jikkundannahom għall-infern etern. Il-Patrijarka għamel l-istess ħaġa, jagħmel l-istess għall-Papa, jiġifieri, jiskumnikah u jikkundannah għat-telfien ta' dejjem. B'hekk il-knisja kienet maqsuma. Kull knisja kompliet il-korsa tagħha stess sal-lum, u r-relazzjonijiet ftit huma aħjar illum milli kienu fiż-żminijiet tad-dlam. Il-papa Ruman laħaq l-għola pożizzjoni tas-setgħa tiegħu f'dan il-perjodu.

Mill-1051 għall-1300 is-setgħa tal-Papa bdiet nieżla l-isfel. L-uffiċċju kien miżmum minn numru ta' rġiel korroti ħafna li ġabu fama ħażina fuqu.

Matul iż-żmien mill-1300 għall-1500 aħna naraw il-peda-ment imqiegħed għar-riforma. L-uffiċċju papali kien meħud għal Franza għal sebgħin sena, u fi sforz biex jittieħed lura fl-Italja fl-1378 żewġ papiet kienu fil-ħakma fl-istess żmien, Urbanu VI u Klement VII.

Il-movimenti tar-riforma mis-seklu sittax għas-seklu dsatax ġabu miltipliċità ta' iġsma reliġjużi. Għalkemm huma ħaduha kontra l-ġerarkija ta' Ruma, l-organizzazzjonijiet tagħhom stess kienu ftit u wisq influwenzati minn dak il-mudell tat-tmexxija tal-knisja. Hemm medda wiesa ħafna fosthom mill-arċisqfijiet għad-demokrazija kongregazzjonali.

Ix-xorta ta' organizzazzjoni li għandhom il-biċċa 'l kbira tad-denominazzjonijiet mhijiex magħrufa fit-Testment il-Ġdid. It-termini parroċċa, djoċesi, u arċidjoċesi mhumiex magħrufa fit-Testment il-Ġdid. L-organizzazzjoni tax-xogħol tal-knisja f'soċjetajiet tal-missjoni u f'soċjetajiet ta' għajnuna hija kunt-rarja għall-Bibbja.

Ħafna uffiċji bħal Abbati, Dekan, Monsinjur, Arċisqof, Kardinal, u Papa li jinsabu fid-denominazzjonijiet preżenti, inkluż il-Knisja Kattolika Rumana, mhumiex imsemmija fil-Bibbja. Ukoll, il-mod lit-termini ragħaj u isqof huma wżati huwa differenti għal kollox mill-mod li kienu wżati fil-Bibbja. It-titlu Reverendu fil-Bibbja nsibuh indirizzat **biss** lil Alla f'Salm 111:9, imma llum dan sar komuni ħafna fejn huwa ndirizzat lil bnedmin, bħal qassisin, eċċ. Ukoll it-titlu "Father" (Missier) f'sens spiritwali, huwa

kkundannat mill-Mulej tagħna nnifsu biex ma nużawhx għal bniedem, imma llum mhux hekk biss, imma l-papa huwa msejjah, "Holy Father" meta **l-uniku** "Missier Qaddis" (Holy Father) tagħna huwa l-Missier Etern! (ara Salm 111:9; Mattew 23:9). Ċertament li organizzazzjoni ta' din ix-xorta mhix il-knisja ta' Kristu u ċertament li kull bidla mill-bniedem fl-organizzazzjoni li fassal il-Mulej hija dnub għaliex permezz ta' dan il-bniedem ikun qiegħed ipoġġi lilu nnifsu flok Alla! (ara 1 Korintin 4:6; Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-9; Rivelazzjoni 22:18-19).

## RITORN GĦALL-ORGANIZZAZZJONI TAL-BIBBJA
**1830 Preżent**

Il-knisja tat-Testment il-Ġdid la kellha ġerarkija klerikali lanqas demokrazija kongregazzjonali. Kienet teokrazija kongre-gazzjonali! Kristu għandu l-awtorità leġislattiva u ġudikali **kollha**. Ġakbu jgħidilna:

> "***Wieħed biss*** *huwa dak li jagħmel il-liġi, wieħed biss l-imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred. Int min int biex tiġġudika 'l ħaddieħor?*" (Ġakbu 4:12).

Evanġelisti, anzjani, u djakni għandhom jieħdu ħsieb il-minis-teru tal-Kelma u ta' l-imwejjed. Dawn kienu l-uniċi oqsma li fihom il-knisja ppruvat li tiffunzjona: 1. Biex issalva l-erwieħ tan-nies, u 2. Biex tgħin lill-fqar (Atti 6:2).

Kien hemm indipendenza kongregazzjonali u interdipenden-za kongregazzjonali, jew kooperazzjoni, fix-xogħol tal-Mulej. Kooperazzjoni kienet volontarja. Ma kien hemm ebda organ-izzazzjoni tal-knisja akbar mill-kongregazzjoni lokali ħalli tagħmel pressjoni fuq knejjes ħalli jidħlu f'organizzazzjoni bħal din. Kull Kristjan jagħraf lil Kristu bħala r-Ras tal-ġisem, li tiegħu huwa kien membru, u kien hemm sħubija fost il-fidili kollha.

Il-knisja llum tista' tiffunzjona bl-aħjar mod b'mhux aktar organizzazzjoni milli kellha l-knisja fl-ewwel seklu. Dan ikab-bar lil Kristu bħala r-Ras tal-ħwejjeġ kollha għall-knisja (Efesin 1:22-23). Il-kongregazzjoni għandu jkollha anzjani biex imexxu, evanġelisti biex jippriedkaw, djakni biex iservu, u għalliema biex jgħallmu.

Fedeltà lejn Kristu titlob li aħna norganizzaw il-knisja fil-mod li hija murija fit-Testment il-Ġdid. Dan mhux biss huwa possibbli—huwa prattiku!

L-anzjani għandhom jaraw fi Kristu lir-Ragħaj il-Kbir tagħ-hom (1 Pietru 5:4).

It-tobba jaraw Fih it-Tabib il-Kbir.

L-avukati jaraw Fih id-Difensur (1 Ġwanni 2:1).

Il-predikaturi jaraw Fih it-test (1 Korintin 2:2).
Is-suldati jaraw Fih il-Kaptan (Lhud 2:10).
Il-qaddej jara Fih Sid Tajjeb (Mattew 23:10.
Il-mexxej jara Fih il-Mulej tiegħu (Atti 2:36).
L-istatista jara Fih il-Leġislatur (Galatin 6:2).
Il-midneb jara Fih is-Salvatur (Mattew 1:21).

Alla jara Fih Iben fidil li Hu appuntah werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li poġġieh fuq ix-xogħol kollu tal-knisja Tiegħu.

## LURA GĦALL-ISMIJIET TAL-BIBBJA
**Filippin 2:9-11**

"*Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù—fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art—il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkobbtejhom, u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier*" (Filippin 2:9-

11).

Ismijiet ifissru xi ħaġa. Dawn jindikaw oġġett, post, jew persuna. Aħna norbtu importanza kbira ma' l-ismijiet. Ismijiet ta' nies kbar jibqgħu jgħixu fil-qlub tan-nies. Kull wieħed li jrid li jkun korrett jirsisti biex juża l-ismijiet it-tajba għall-ħwejjeġ it-tajba. Fil-Bibbja l-Mulej sejjaħ: 1. Il-knisja, 2. Il-kongregazz-joni, u 3. Is-segwaċi ndividwali Tiegħu bit-terminu t-tajjeb. L-użu t-tajjeb ta' dawk it-termini kien mitluf matul iż-żminijiet tad-dlam meta l-knisja apostata żammet ix-xettru tas-setgħa. Aħna nistgħu niksbu mill-ġdid l-użu t-tajjeb tagħhom illum.

**ISMIJIET TAL-BIBBJA IRRIVELATI**
**30 W.K. 96 W.K.**

Fi studju dwar l-ismijiet it-tajba aħna għandna l-ewwel napprezzaw l-importanza marbuta ma' l-isem ta' Kristu. Hu għandu l-għola isem li qatt huwa mogħti (Filippin 2:9-11). Huwa l-uniku isem li permezz tiegħu l-bniedem jista' jilħaq is-salvazzjoni ta' ruħu. Waqt li Pietru u Ġwanni kienu quddiem is-Sanhedrin jiddefendu dan l-isem huma qalu:

> "*F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi*" (Atti 4:12).

Permezz ta' l-isem Tiegħu l-midinbin huma ġġustifikati minn dnubiethom. Naqraw f'Atti 10:43,

> "*Il-profeti kollha jixhdu għalih u jgħidu li kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu.*"

U Kristu jkollu d-dnubiet tagħhom maħfura minħabba ismu, jgħidilna Ġwanni,

> "*Qiegħed nikteb lilkom, uliedi, għax intom dnubietkom maħfura bis-saħħa ta' ismu*" (1 Ġwanni 2:12).

L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna li aħna nsejħu fuq ismu għas-salvazzjoni:

> "*Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isal-va.*" (Rumani 10:13).

Osserva l-ħwejjeġ li aħna għandna nagħmlu fl-isem ta' Kristu:

1. Nippriedkaw l-Evanġelju (Luqa 24:47).
2. Nitgħammdu, waqt li nsejħu ismu (Atti 22:16).
3. Ninġabru flimkien f'ismu (Mattew 18:20).

4. Nitolbu f'ismu (Ġwanni 14:13-14).
5. *Nagħmlu kollox f'ismu* (Kolossin 3:17).

Li ssemmi l-isem ta' Kristu jfisser li tkun tappartjeni Lilu. Il-Bibbja tgħid:

> "*Imma s-sies qawwi, li Alla qiegħed, iżomm sħiħ, u fuqu għandu dan is-siġill: "Il-Mulej jagħraf dawk li huma tiegħu", kif ukoll: "Ħa jitwarrab mill-ħażen kull min isejjaħ isem il-Mulej*" (2 Timotju 2:19).

Li żżom sħiħ ma' ismu huwa li tkun leali Lejh. Ġwanni jikteb hekk lill-knisja ta' Pergamu:

> "*Jiena naf fejn int qiegħed: qiegħed fejn hemm it-tron tax-Xitan. Imma għadek iżżomm sħiħ ma' ismi u ma ċħadtx il-fidi tiegħek fija, anqas f'dawk il-jiem li fihom Antipa, ix-xhud fidil tiegħi, qatluh hemm fostkom, fejn joqgħod ix-Xitan*" (Rivelazzjoni 2:13).

Kristu uża l-isem Tiegħu b'mod ġeneruż fit-Testment il-Ġdid. Ismu huwa applikat għall-knisja kollha (Atti 20:28). Ismu kien użat għall-kongregazzjonijiet lokali (Rumani 16:16), u kien milbus minn individwi (Atti 11:26; 1 Pietru 4:16).

*Il-knisja kollha* kienet imsemmija f'termin li juru r-relazz-joni tagħha lejn Alla u Kristu. Ta' spiss din hija sempliċiment "il-knisja," li tfisser *ġemgħa*. Il-kelma Griega tfisser "l-imsej-ħin." In-nies ta' Alla huma dawk imsejħin barra mid-dinja, isseparati mid-dnub, u msejħin fil-ġisem wieħed. L-appostlu Pawlu, waqt li jitkellem dwar dan, jgħid hekk:

> "*Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed*" (Kolossin 3:15).

Ma kien hemm ebda istituzzjoni oħra tan-nies tal-Mulej li minnha kien hemm il-ħtieġa ta' distinzjoni, għalhekk it-turija sempliċi, "il-knisja," kienet biżżejjed biex turihom jew tfissir-hom.

Il-knisja kienet irriferuta bħala "l-knisja ta' Alla" (1 Timotju 3:15), u "l-knisja tal-Mulej" (Atti 20:28), jew "knisja tal-kbir li qam mill-imwiet" (Lhud 12:23), li kien Kristu. Dawn it-termini kollha juru pussess. Hija msejħa jew il-knisja ta' Alla jew il-knisja ta' Kristu għaliex dak li jappartjeni għal wieħed jappart-jeni għat-tnejn (Ġwanni 17:10). Madankollu, Alla dawwar il-ħakma fuq l-Iben f'dan iż-żmein (1 Korintin 15:25-26).

*Kongregazzjonjiet lokali* huma ndikati f'Rumani 16:16, "il-knejjes ta' Kristu jsellmulkom." ħafna drabi kienet sempliċi-ment "il-knisja" f'ċertu

post (Filippin 1:1).

*Dixxipli ndividwali* tal-Mulej kienu rriferuti b'numru ta' ismijiet. In-nom proprju wieħed użat kien *Kristjan* (Atti 11:26). It-terminu li wera r-relazzjoni lejn xulxin kien *aħwa* (Galatin 6:1). Dwar il-qima huma kienu msejħa *qassisin* (1 Pietru 2:5, 9). Dwar ix-xorta ta' ħajja li kienu jgħixu huma kienu msejħa *qaddisin* (1 Korintin 6:11). Dwar il-Kelma ta' Alla huma kienu msejħa *emmiena* (Atti 5:14). Dwar il-familja ta' Alla huma kienu msejħa *ulied* (1 Ġwanni 3:1). Kull Kristjan kien imsejjaħ b'dawn it-termini kollha. Ebda isem użat qatt ma fired lil xi wħud mid-dixxipli minn oħrajn bħallikieku huma kienu membri ta' ġisem differenti.

## APOSTASIJA MILL-ISMIJIET TAL-BIBBJA

**570 1517**

Flimkien mat-tbegħid tal-knisja mill-prattika u l-awtorità tat-Testment il-Ġdid, ġie t-tbegħid mill-użu ta' ismijiet ta' l-Iskrittura.

Segwaċi ta' għalliema eretiċi kienu msejħa bl-isem tan-nies li huma kienu jimxu warajhom. Dawk ta' Arjus kienu msejħin Arjani. Imbagħad sezzjoni tad-dinja ħadet fuqha distinzjoni, u kien hemm il-knejjes tal-*lvant* u tal-*punent*. In-natura universali tal-knisja kienet adattata bħala isem, "kattolika." Diversi ordnijiet qamu ġewwa dil-knisja u wżaw ismijiet li poġġew lil xi wħud mill-komunikanti 'l bogħod mill-oħrajn, u huma kienu magħrufa b'ismijiet ta' nies—Franġiskani, Dumnikani, Tereżjani, Pawlini, eċċ., apparti l-Ġiżwiti. Dawn l-ordnijiet għadhom jeżistu sal-ġurnata tal-lum! Minn naħa l-oħra, illum fi ħdan il-Knisja Kattolika Rumana qegħdin naraw it-twelid ta' ħafna gruppi ġodda b'ismijiet differenti, bħal, Kariżmatiċi, Katakumeni, Neo-Katakumeni, Fokolari, eċċ. Dan kollu huwa tbegħid minn Alla u ksur tal-Kelma Tiegħu.

Knejjes Protestanti identifikaw lilhom infushom b'modi diversi, spiss bl-isem tar-riformatur, bħal Luteran, jew bix-xorta ta' tmexxija tal-knisja bħal Episkopali jew Presbiterjan, bix-xorta tax-xogħol bħal Metodist, jew b'ordinanza tal-Mulej bħal magħmudija—Battist. Inti tista' semmi numru li ħarġu riċentament, jippruvaw li jersqu aktar qrib għall-ismijiet użati fil-Bibbja, bħal 'Assembly of God.' Imbagħad hemm "il-Knisja ta'

Alla." Imma li ssejjaħ organizzazzjoni mhux skritturali b'isem tal-Bibbja ma jagħmilx dik l-organizzazzjoni mhux skritturali, skritturali. Lanqas li ssejjaħ persuna Kristjana ma jagħmilha Kristjana meta hija qatt ma kienet obdiet l-Evanġelju. Aħna ma nistgħux inżommu, lanqas nippruvaw li nżommu għaqda ta' knisja milli tirriferi lilha nfisha bħala "L-Knisja Magħquda ta' Kristu." Huma jagħtu servizz bix-xofftejn lil isem tassew, imma jekk ħaġa bħal din sejra tkun aċċettabbli għal Alla huma għandhom li jagħmlu l-*knisja* skritturali kif ukoll l-*isem*. Li ssejjaħ dittatura demokrazija ma jagħmilhix hekk, jew jibdel il-forma tat-tmexxija.

**RITORN GĦAL ISMIJIET TAL-BIBBJA**
**1830 Preżent**

Shakespeare ippopolarizza, "Warda b'kull isem ieħor xorta tinxtamm sabiħa." In-nies waqgħu fil-vizzju li jistaqsu, "Tajjeb, x'hemm f'isem, fuq kollox?" Li kieku l-fjura msejħa warda kienet ġiet imsemmija xi ħaġa oħra, l-isem l-ieħor kien iġib il-warda fl-imħuħ tagħna; iżda la darba l-isem "warda" kien stabbilit, **ebda** isem ieħor ma jista' jġib f'moħħna l-warda.

Kieku Kristu sejjaħ il-knisja Tiegħu b'xi isem ieħor aħna nassoċjaw dik l-istituzzjoni bl-isem li Hu taha, imma billi Hu ta lill-knisja u lid-dixxipli Tiegħu *l-isem Tiegħu stess*, mela aħna ma nistgħux nassoċjaw dixxipli tassew jew knejjes tassew b'xi isem ieħor barra minn dak tal-Mulej. L-iskulari jirrispettaw l-idea. Meta huma jiktbu dwar il-knisja tal-Bibbja huma jirriferu għaliha bħala l-"knisja ta' Kristu" jew il-"knisja ta' Alla."

Kristu poġġha l-isem Tiegħu stess, l-għola li l-art qatt tista' tisma', fuq il-*knisja bħala ġisem wieħed*, il-*kongregazzjoni*, u l-*individwu*. Ħalli aħna nużaw l-Isem Tiegħu għall-knisja Tiegħu u għad-dixxipli tiegħu.

Huwa neċessarju li nagħmlu dan, għaliex huwa l-uniku isem mas-salvazzjoni (Atti 4:12), u f'dan l-isem biss nistgħu aħna niltaqgħu fil-preżena Tiegħu:

> "*Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura* ***f'ismi,***
> *hemm inkun jien f'nofshom*" (Mattew 18:20).

**LURA GĦALL-QIMA TAL-BIBBJA**
**Ġwanni 4:24**

*"Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità"* (Ġwanni 4:24).

Qima hija sforz minn naħa tal-bniedem biex jesprimi l-adorazzjoni tiegħu lil Alla.

Qima fit-Testment il-Qadim kienet karnali, letterali (Lhud 9:1-10). Dawk is-sagrifiċċji kienu dell ta' qima aħjar (Lhud 10:1).

Qima fit-Testment il-Ġdid marret 'il fuq mill-karnali għall-ispiritwali (Filippin 3:3). Il-qima spiritwali impoġġija fil-knisja tat-Testment il-Ġdid hija l-għola li fiha l-bniedem mortali jista' jieħu sehem. Kull att huwa spiritwali. Ma hemm ebda att mekkaniku inkludut. Kull att ta' qima fil-knisja huwa sempliċi, madankollu jiżviluppa l-ispirtu tal-bniedem fix-xbieha tal-Mulej (2 Korintin 3:18).

**IL-QIMA SPIRITWALI TAT-TESTMENT IL-ĠDID**
**30 W.K. 96 W.K.**

Il-Kristjani tal-bidu kienu jiltaqgħu għal l-iskop li jaduraw lil Alla. Laqgħa kienet miżmuma kull l-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20:7). L-appostlu Pawlu jirriferi għal li "jiltaqgħu flimkien" għall-Ikla tal-Mulej. F'dan huma komplew bis-sħiħ (Atti 2:42), u kienu ordnati biex ma jinqatgħux mill-laqgħat (Lhud 10:25).

Il-qima tagħhom kienet magħmula minn ħames atti:

1. F'din il-laqgħa jew ġemgħa huma *kantaw innijiet* ta' tifħir lil Alla (Lhud 2:12). Dawn kienu salmi, innijiet, u kant spiritwali (Kolossin 3:16), kantati bl-ispirtu u bl-għarfien (Efesin 5:19).
2. *Talb* kien parti regolari u prominenti tal-qima tal-Kristjana (1 Tessalonikin 5:17). Kien ix-xewqa tal-qalb (Rumani 10:1), espressa fil-fidi (Ġakbu 1:6), f'isem Kristu (Ġwanni 14:14), bl-ispirtu u bl-għarfien (1 Korintin 14:15), u skond ir-rieda ta' Kristu (1 Ġwanni 5:14).
3. Huma kienu ordnati biex *jaqraw* lill-knisja l-Kitba Ispirata (Kolossin 4:16; 1 Tessalonikin 5:27); li huma għallmu u ppriedkaw bl-awtorità kollha (Titu 2:15).

4. *L-Ikla tal-Mulej* kienet mikula fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa (Atti 20:7; 1 Korintin 10:16; Atti 2:42). L-ikla kellha tinżamm bħala **tifkira** tal-mewt ta' Kristu sa ma jerġa' jiġi (1 Korintin 11:20-32).
5. Huma *taw* mill-prosperità tagħhom fil-laqgħa fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa (1 Korintin 16:2). L-għotja tagħhom kienet iġġudikata skond il-prosperità tagħhom, u huma taw mingħajr ebda tgemgim u bil-libertà (2 Korintin 9:7).

Kristu strettament ordna lil l-appostli u lill-Kristjani tal-bidu biex igħassu l-qima tagħhom kontra xi wirja jew dimostrazzjoni. Din ma kinetx biex taqbad l-għajn u t-tifħir tan-nies (Mattew 6:1-18). Ħajja bla tebgħa kienet ħtieġa neċessarja (Ġakbu 1:27).

Aħna ma nisbu ebda riferenza magħmula għall-festi ta' kull sena jew staġjonali, imma l-knisja kienet imwissija kontra li qatt tirċevihom. L-appostlu Pawlu wissa:

> "*Issa lil Alla tafuh, jew aħjar, Alla jafkom; mela, kif erġajtu lura lejn l-elementi bla saħħa u bla siwi, u tridu terġgħu taqduhom biex tħarsu l-jiem, ix-xhur, l-istaġuni u s-snin? Qiegħed nibża' li t-taħbit li tħabatt għalikom kien kollu ta' xejn*" (Galatin 4:9-11; Kolossin 2:16).

## APOSTASIJA FIL-QIMA
**570 1517**

Fil-perjodu ta' wara l-appostli kien hemm inżul mgħaġġel fl-ispiritwalità, fil-forma, u fil-mod tal-qima. Dan ġara f'dan il-mod:

Mis-sena 100 għas-sena 325—

It-tbegħid prinċipali fil-qima kien li l-Ikla tal-Mulej saret sagrament.

Mis-sena 325 għas-sena 600—

Pridkar, dak li kien hemm minnu, sar formali u oratoriku. Il-qassisin libsu lbies reliġjuż. Is-servizz kollu sar li jkun miktub u formali ħafna.

Dawl tax-xemgħat u ħruq ta' l-inċens kienu mwaqqfa.

Stampi u xbiehat sabu posthom fil-qima.

Festiġġjar staġjonali kien magħżul għat-twelid, mewt u qawmien ta' Kristu, u l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu. Dawn kienu magħrufa bħala l-Milied,

l-Għid, u l-Pentekoste.

Mis-sena 600 għas-sena 1050—

Stampi u xbiehat kienu meqjusa bl-istess adorazzjoni ta' l-idoli li huma kellhom fost il-pagani. Fil-knisja tal-Punent dawn qatt ma kienu opponuti, imma kienu mħeġġa mill-papiet. Fil-knisja tal-Lvant, iżda, Leo III neħħihom fis-sena 730, imma fis-sena 787 l-Imperatriċi Irene reġgħet daħħlithom, u sejħet konċilju ekumeniku li approva x-xbiehat. Jgħidu, "Il-qima għandha tkun lil Alla waħdu, imma l-venerazzjoni tista' tingħata lix-xbiehat." Leo V reġa' neħħihom fis-sena 813, imma kienu miġjuba lura mir-Reġġent (gvernatur) Imperjali Theodora fis-sena 842. Il-knisja tal-Punent ma tatx aktar każ tagħhom minn dak iż-żmien 'il hawn.

Qrar privat lill-qassis kien beda f'dan il-perjodu.

Orgni kien introdott fil-knisja tal-Lvant mill-Papa Vitalian I madwar 670, għalkemm dan ma rċieva ebda għarfien ġenerali qabel is-seklu erbatax.

Indulġenzi kienu mibjugħa.

Mis-sena 1050 għas-sena 1300—

Is-sagrifiċċju tal-quddiesa kien stabbilit għal kollox. Il-qari ta' testi b'azzjonijiet simboliċi u movimenti biex juru l-passjoni ta' Kristu għat-tlugħ Tiegħu fis-sema bdew ikunu wżati. Il-ħobż u l-inbid, kienu kkonsagrati mill-qassis, saru l-ġisem u d-demm ta' Kristu. Il-kalċi kien bil-mod il-mod imneħħi mil-lajċi, u l-quddiesa saret "is-Sagrifiċċju bla demm."

Staġuni annwali ta' qima bdew iċajpru l-jum tal-Mulej. Kważi kull ġurnata kienet mogħtija għal xi qaddis (u dan għadu jsir sal-lum) jew għal xi ġrajja fl-istorja tal-knisja. L-apostasija kienet kompluta, u saret stabbli matul dan il-perjodu.

Riformi Protestanti attakkaw ħafna mill-abbużi ta' qima li kienu daħlu fil-knisja apostata matul iż-żminijiet tad-dlam. Imbagħad, wara battalja twila u ħarxa, il-protestantiżmu aċċetta ħafna mill-abbużi tal-qima Kristjana. Huma kienu adottaw, bi gradi diversi, mużika mekkanika, korijiet u ministri b'ilbies reliġjuż, ħruq ta' xemgħat u inċens, staġuni ta' kull sena ta' qima, u f'xi waqtiet, qima ta' xbiehat u stampi.

Fid-denominazzjonijiet illum ftit affarijiet li jsiru jixbħu l-qima tal-Kristjani ta' l-ewwel seklu meta l-knisja kienet iggwi-data bil-verità biss, u mhux bit-tradizzjoni.

Dak li aħna naħtieġu huwa li:

## IMMORRU LURA GĦALL-QIMA TAL-BIBBJA

**1830 — Preżent**

Aħna nixtiequ li kieku nistgħu nikinsu fil-ġenb b'kinsa kbira waħda l-prattika kollha mhux skritturali taż-żminijiet tad-dlam. Nikinsu barra mill-knisja qima ta' stampi u xbiehat, ħruq ta' xemgħat u inċens, osservanza ta' festi kull sena, mużika mek-

kanika, korijiet u ministri b'ilbies reliġjuż, iċ-ċelebrazzjoni jew is-sagrifiċċju tal-quddiesa, l-adorazzjoni tal-qaddisin u oġġetti inanimati (bla ruħ). Ebda waħda minn dawn il-ħwejjeġ ma tista' tiżviluppa l-ispirtu tal-bniedem. Huma jbaxxu l-qies għoli tal-qima spiritwali u jiddeġeneraw l-ispirtu għal livell karnali li fuqu huma joperaw.

Imma dawn l-affarijiet huma wisq imniżżla fil-fond fid-denominazzjonijiet biex ikunu mneħħija. Madankollu, kull sena eluf ta' rġiel u nisa qegħdin ineħħu lilhom infushom mid-denominazzjonijiet u jsiru membri tal-knisja tal-Mulej fejn huma jistgħu jqimu lil Alla fl-ispirtu u l-verità (Ġwanni 4:24), fejn il-qima tagħhom tkun aċċettabbli għal Alla, u mhux tinsab fiergħa (Mattew 15:9).

Aħna naduraw bl-ispirtu (Filippin 3:3), u kull att spiritwali—kant, talb, tagħlim, l-Ikla tal-Mulej u l-għotja—huma atti ta' sagrifiċċju u tifħir lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu (Lhud 13:15). Din hija verità eterna u ma tistax tkun mibdula mill-filosofiji tal-bnedmin. Il-Kelma ta' Alla twissina:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu….Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha ta' l-umli u taparsi jqim lil anġli, jimla rasu bil-viżjonijiet u moħ-ħu bil-frugħat ta' bniedem li hu*" (Kolossin 2:8, 18).

## LURA GĦALL-MUŻIKA TAL-BIBBJA

Il-mużika misset il-qlub tan-nies kollha bis-swaba ċelestjali tagħha. Alla ordna tifħir mużikali Għalih Innifsu kif Hu jixtieq. Aktar ma aħna nistudjaw l-ordinazzjoni Tiegħu, aktar aħna napprezzaw l-għerf Tiegħu.

**MUŻIKA TAL-BIBBJA**
**30 W.K. 96 W.K.**

Ix-xorta ta' mużika li l-Lhud kellhom fit-Testment il-Qadim ma kinetx awtorità għax-xorta ta' mużika li kellhom l-ewwel knejjes. Il-liġi ta' Mosè kienet imsammra mas-salib ma' Kristu (Kolossin 2:14). Numru ta' affarijiet li kienu awtorizzati fit-Testment il-Ġdid mhumiex inkluduti fil-Patt il-Ġdid. Taħt Mosè huma kellhom sagrifiċċju karnali (Levitku 16). Taħt Kristu hemm biss sagrifiċċji spiritwali:

> "*B'Ġesù, mela, ejjew noffru f'kull ħin lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir, jiġifieri l-kelma ta' xofftejna li tistqarr ismu*" (Lhud 13:15).

Il-mużika li aħna għandna fil-knisja llum għandha tkun il-mużika awtorizzata minn Kristu fit-Testment il-Ġdid Tiegħu, il-liġi Tiegħu (1 Korintin 9:21; Galatin 6:2).

It-terminu ġenerali "mużika" jinkludi kemm mużika stru-mentali u kemm vokali. Dan it-terminu, iżda, huwa wżat darba biss fit-Testment il-Ġdid, u dan jirriferi għal divertiment **barra** mill-knisja. Hemm huwa l-post fejn il-mużika mekkanika tista' tintuża.

Il-knisja tal-Bibbja kellha biss mużika vokali:

F'Mattew 26:30 u f'Mark 14:26, fit-tmiem ta' l-aħħar ikla jintqal dwar Ġesù u d-dixxipli Tiegħu, *"KANTAW is-salmi u ħarġu lejn il-Għolja taż-*

*Żebbuġ*"

F'Atti 16:25 aħna nsibu lil Pawlu u Sila fil-ħabs f'Filippi, u "*U f'nofs-il lejl Pawlu u Sila bdew jitolbu u KANTAW tifħir 'l Alla…*"

Rumani 15:9, "*Għalhekk jiena nfaħħrek fost il-ġnus u ngħanni rifħir ismek.*"

1 Korintin 14:15, "*…INKANTA salmi bl-ispirtu, imma NKANTA b'moħħi wkoll.*"

Efesin 5:19, "*KANTAW flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; KANTAW u GĦANNU MINN QALBKOM lill-Mulej.*"

Kolossin 3:16, "*…KANTAW f'qalbkom innijiet lil Alla.*"

Lhud 2:12, "*…F'nofs il-kongregazzjoni NKANTALEK tifħir.*"

Ġakbu 5:13, "*…Hemm xi ħadd ferħan? ħalli JKANTA s-salmi.*"

Dawk huma kollha riferenzi għall-mużika fil-knisja hawn fuq l-art, u kollha jgħidu *kantaw*. In-natura nfisha u l-unità tal-qima spiritwali tat-Testment il-Ġdid titlob dan. L-uniku akkum-panjament tal-vuċi li huwa msemmi huwa l-*qalb*.

Spiss nies jistaqsu, "Imma Alla ma kellux l-arpi fis-smew-wiet?" Iva, imma nafu aħna x'inhu msejjaħ arpi (ċetri) f'Rivelazzjoni 5:8-9; 15:2-3; 14:2-3? Fl-aħħar qari inti tinnota li Ġwanni sema' *vuċi* li nstemgħet bħal arpa. Kull darba li l-arpi huma msemmija u xi mużika hija magħmula huma kienu qegħdin *ikantaw*. Billi aħna ma nistgħux ngħidu x'kienu l-arpi, ħlief li l-Bibbja ssemmi l-vuċi jew leħen, u li huma kantaw, aħna mħollija bil-konklużjoni li l-vuċi hija l-arpa.

## APOSTASIJA FIL-MUŻIKA TAL-BIBBJA
## 570 1517

Illum, dawk li jiddefendu l-mużika mekkanika ippettnaw ix-xogħolijiet tal-kittieba ta' wara l-appostli biex isibu jekk il-Kristjani użawhiex fis-sekli li ġew immedjatament wara t-twaqqif tal-knisja. Huma ma jirċievu ebda sodisfazzjon hawn. Fix-xogħolijiet ta' Eusebius, madwar 300 W.K. aħna nsibuh jgħid li l-knisja *kantat*. Neander isemmi biss innijiet fil-knisja. Mosheim jgħid dwar 380 kien hemm biss kant.

Mużika mekkanika kellha l-aktar ġlieda iebsa ta' l-apostasija minn fost kollox biex tidħol fil-knisja. Din daħlet WARA:

1. Li tferriegħ u tibxix kienu pprattikati għall-magħmudija.
2. Li l-magħmudija tat-trabi kienet bdiet.
3. Li stampi u qima tax-xbiehat kienu fil-knisja.
4. L-idea sagramentali ta' l-Ikla tal-Mulej.
5. L-osservanza tal-festi annwali.
6. Lis-sistema ekkleżjastika tal-ġerarkija kienet kompluta għal kollox.

Enċiklopedisti jaqblu li l-Papa Vitaljan I poġġa l-ewwel orgni fil-knisja madwar 670. Dan irċieva tant oppożizzjoni li

kien użat biss bil-qies. Sa tard is-sena 1250 Thomas Aquinas qal li l-knisja kienet tkanta biss. Marinus Sanutus ġab l-orgnijiet ta' l-arja fil-knisja fl-1290. Il-Konċilju ta' Trent uffiċjalment għarafhom fis-seklu erbatax, imma kien biss wara li l-Imperatur Ferdinand għamel pressjoni biex isir hekk.

Il-knisja tal-Lvant jew Ortodossa Griega rrifjutat li taċċetta l-istrument, u sal-lum ma tużahx, ħlief fi ftit knejjes fl-Amerika.

Id-denominazzjonijiet protestanti kollha li aċċettaw strumenti mekkaniċi għamlu dan biss wara disputa sħuna u twila fost l-iskulari tagħhom. Ħafna mill-imħuħ l-aktar brillanti opponewhom bħala sinjal ta' Ġudaiżmu u apostasija. Kienet biss pressjoni popolari li assigurat posthom fil-knejjes.

Sforzi kienu magħmula biex jiġġustifikaw l-użu ta' strumenti fil-knisja. F'dan ix-xogħol qasir ma hemmx spazju biex nirrivedu dak kollu li kien intqal, imma l-argumenti kollha li huma favur il-mużika mekkanika huma mwieġba mill-fatt li l-Iskrittura tħejjijna għall-kull ħidma tajba (2 Timotju 3:16-17), u l-Iskrittura ma tħejjiniex b'mużika mekkanika fil-knisja, għalhekk din mhix opra tajba. Li taċċettahom huwa li tmur aktar 'il quddiem mit-tagħlim ta' Kristu. Li tagħmel dan huwa li tabbanduna lil Alla (2 Ġwanni 9).

## RITORN GĦALL-MUŻIKA TAL-BIBBJA
**1830 Preżent**

Aħna naħtieġu li mmorru lura għas-sempliċità tal-wiri tal-mużika tal-knisja—mużika li nistgħu nifhmu u li terfa' l-qlub tagħna lejn Alla, mużika li fiha lkoll kemm aħna nistgħu nieħdu sehem fiha. Il-kant mhuwiex għal ftit f'kor, imma għall-kongre-gazzjoni kollha.

Awtoritajiet fuq il-mużika tal-knisja kollha jaqblu li l-knisja ta' l-ewwel seklu kantat biss it-tifħir lil Alla. (Ara l-kwotazz-joni mill-ktejjeb Riflessi, taħt it-titlu *Il-mużika fil-Liturġija*, Vol. 12, Nru. 10, pp. 228-231, ta' Diċembru, 1987).

"Tagħmel xi differenza jekk aħna nżidu mużika mekkanika mal-kant tagħna?" Ħalli nitfakru li l-affarijiet li ġraw lin-nies tat-Testment il-Qadim huma miktuba għall-eżempju u t-twissija tagħna (1 Korintin 10:11; Rumani 15:4). F'Levitku 10, Nadab u

Abihu, żewġ qassisin, offrew nar stramb lil *Alla "li ma kienx ordnalhom*", u huma kienu maqtula talli għamlu dan (versi 1, 2). Din hija twissija għalina biex ma niblux il-qima li ordna Alla. Mużika mekkanika hija tifħir "li l-Mulej ma kkmandax," u tieqaf fuq l-istess bażi li jieqaf in-nar stramb ta' Nadab u Abihu.

Xi nies jaħsbu li huma jitilfu wisq l-orgni u l-orkestra. Forsi hekk jagħmlu għal ftit taż-żmien. Imma kull sena eluf qegħdin iwarbuhom biex jogħġbu lil Alla, u huma lkoll jgħidu fi ftit xhur, "Ma mmurx lura għall-użu tiegħu għall-ebda raġuni." Jista' jkun għaxqa kbira li tkanta lil Alla kant ta' tifħir bl-akkumpanjament biss ta' qalb sinċiera u onesta.

Aħna għandna mmorru lura għas-sinċerità u l-intensità li nħossu l-kant tal-Bibbja. Immorru lura għall-iskop li għalih il-kant kien ordnat minn Alla: *tifħir* (Ġakbu 5:13), *tagħlim* u *twissija* (Kolossin 3:16).

Alla stabilixxa l-mużika tar-ruħ—*kant*.

**LURA GĦAS-SALVAZZJONI TAL-BIBBJA**
**Titu 2:11-13**

> "*Għax dehret il-grazzja ta' Alla, għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha; hi trawwimna nwarrbu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, biex ngħixu bir-rażna u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien, u nistennew it-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-kbir Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu*" (Titu 2:11-13).

Il-bniedem jixtieq li jkun salv meta hu jieqaf quddiem Alla fil-ġudizzju. Ġwanni jgħid hekk dwar dan:

> "*U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniżżla fil-kotba*" (Rivelazz-joni 20:12).

Id-destin tal-bniedem fil-ġudizzju jiddependi fuq x'inhu l-bniedem qabel id-destin (Mattew 25). Il-problema prattika hija salvazzjoni mill-kondizzjonijiet li jġibu l-ħaqq kontrih f'dak il-jum.

## TAGĦLIM TAT-TESTMENT IL-ĠDID FUQ IS-SALVAZZJONI

**30 W.K. 96 W.K.**

Is-salvazzjoni li Ġesù ta lir-raġel mifluġ (Mattew 9:2), lill-mara midinba (Ġwanni 8:11), lil Żakkew (Luqa 19:9), u lill-ħalliel fuq is-salib (Luqa 23:43), matul il-ministeru Tiegħu fuq l-art kienet sempliċiment dewqien bil-quddiem tas-salvazzjoni li kella tiġi fis-saltna Tiegħu (Kolossin 1:13-14).

Is-salvazzjoni hija kemm ħaġa preżenti kif ukoll ħaġa futura għalina. L-appostlu Pawlu jgħid hekk,

> "*Intom tafu f'liema żmien qegħdin. Waslet is-siegħa li intom tqumu min-ngħas; għax is-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna nemmnu*" (Rumani 13:11).

Ir-realizzazzjoni sħiħa tas-salvazzjoni fil-futur tiddependi fuq kondizzjonijiet li aħna naċċettaw issa. Is-salvazzjoni preżenti hija l-maħfra tad-dnubiet (1 Ġwanni 2:12), u s-salvazzjoni futura tagħna hija għena futura fis-smewwiet (1 Pietru 1:4-5). Aħna kkonċernati primarjament bis-salvazzjoni preżenti tagħna u li nkomplu nikbru fil-ġustizzja. Jekk dan ikun tajjeb il-futur ikun ċert. L-appostlu Ġwanni jgħid hekk:

> "*...Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja*" (Rivelazzjoni 2:10b).

Billi aħna nidinbu bl-istess mod li l-bniedem dejjem dineb, aħna niksbu s-salvazzjoni mid-dnub fl-uniku mod li Alla qatt ipprovda. Id-dnub għadu l-istess—gideb, qtil, serq, eċċ.; u l-mezz li tneħħi l-ħtija tad-dnub huwa l-istess—l-istess kif irrivelat fil-Bibbja fl-ewwel seklu.

Tlett ħsibijiet huma neċessarji biex tgawdi s-salvazzjoni:

L-ewwel, l-għarfien xieraq tal-grazzja ta' Alla (Efesin 2:8). Il-grazzja ta' Alla hija murija lilna f'li Alla bagħat lil l-Ibnu l-waħdieni fid-dinja (Ġwanni 3:16). Din il-grazzja hija offruta lill-bniedem FI Kristu. (1 Korintin 1:4; 2 Timotju 2:10). Jintqal lilna biex NAĦDMU f'dik il-grazzja biex b'hekk ma nirċevu-hiex għalxejn (2 Korintin 6:1; 1 Korintin 15:10).

It-tieni, is-*sagrifiċċju ta' Kristu* biex jagħmel is-salvazzjoni tagħna possibbli (Lhud 2:9; 1 Pietru 1:18-19). B'demmu Hu pprovda triq għall-bniedem biex jiġi għand Alla u jeħles mill-ħtija tad-dnubiet. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta'*

> *Alla. Għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu Alla kkonstitwieh vittma ta' espja-zzjoni b'demmu permezz tal-fidi biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu, waqt li fl-im-għoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fi żmien li kien jistabar bihom*" (Rumani 3:23-25).

It-tielet, ir-rivelazzjoni tat-*termini tas-salvazzjoni*. Is-salv-azzjoni hija offruta bla ħlas lill-bnedmin kollha (Titu 2:11-12), imma mhux il-bnedmin kollha jaċċettaw dik l-offerta. Ġesù jgħid:

> "*Idħlu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien, u ĦAFNA huma li jaqbdu lilha. Imma kemm dejjaq huwa l-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha!*" (Mattew 7:13-14).

L-offerta hija magħmula fuq kondizzjonijiet ta' fidi (2 Timotju 3:15), u ubbidjenza (Lhud 5:8-9). Dik l-ubbidjenza ssib espressjoni fl-*indiema* mid-dnub (2 Korintin 7:10), li wieħed *jistqarr* lil Kristu (Rumani 10:10), u l-*magħmudija* (Mark 16:16).

L-*Evanġelju hu l-qawwa* li Alla juża biex iwassal lill-midneb ħalli jaċċetta s-salvazzjoni li Hu pprovda. L-Iskrittura tgħidilna:

> "*Jiena ma nistħix mill-Evanġelju: għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazz-joni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud, u mbagħad il-Griegi, u fih tidher il-ġustizzja ta' Alla minn fidi għal fidi, skond ma hemm miktub: 'il-ġust jgħix bil-fidi*" (Rumani 1:16-17).

U għall-Evanġelju Alla jitlob l-*ubbidjenza*. Pietru jitkellem b'dan il-mod dwar dan:

> "*Għax issa wasal iż-żmien tal-ġudizzju, li jibda mid-dar ta' Alla. U, jekk l-ewwel jibda minna, kif sa jeħilsuha* ***dawk li ma jridux joqogħdu għal l-Evanġelju ta'*** *Alla?*" (1 Pietru 4:17).

L-appostlu Pawlu wkoll għandu din it-twissija:

> "*Alla għad jagħmel is-sewwa, u jrodd it-tbatija lil dawk li qegħdin iġagħlukom issofru; u għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla,* ***u 'l dawk li ma jobdux l-evanġelju ta' Sidna Ġesù****. Dawn għad jitħallsu bil-*

*piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu*" (2 Tessalonikin 1:6-9).

Meta dan ikun segwit b'ħajja ta' servizz fidil l-ubbidjenti jistgħu jidħlu fid-dar tagħhom:

"*Aħna nafu li jekk din it-tinda ta' l-għam-ara tagħna fl-art tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema*" (2 Korintin 5:1).

## APOSTASIJA MIS-SALVAZZJONI TAL-BIBBJA
**570 1517**

It-tagħlim u l-prattika tal-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni kif mgħallma fil-Bibbja kienu mitlufa matul iż-żminijiet tad-dlam. L-ewwel tbegħid kien biex jagħmlu s-salvazzjon dipendenti fuq "kondizzjoni ta' offerta" minflok ma tkun rigal minn Alla. Dan huwa dak li hu mfisser mill-idea "sagramentali" tas-salvazzjoni.

L-idea sagramentali tas-salvazzjoni bdiet bit-tagħlim ta' Tertullian madwar 200 W.K. Augustine idefinixxa s-sagramenti bħala "forma viżibbli ta' grazzja inviżibbli." Dawn kienu maħsuba li għandhom il-qawwa fihom infushom, bħala atti ta' barra, li bihom huma jikkomunikaw is-salvazzjoni lil dawk li jirċevuhom. Per eżempju, il-magħmudija saret imħarsa bħala li għandha l-qawwa fiha nfisha biex taħsel id-dnubiet. Wara li Augustine għallem illi t-tfal kienu mwielda ħatja tad-dnub ta' Adam, huma bdew jgħammdu lit-trabi għaliex emmnu li l-att tal-magħmudija waħdu kien jista' jġib il-maħfra mid-dnub oriġinali.

In-numru ta' atti sagramentali żdied mal-mogħdija taż-żmien. Hugo ta' St. Victor għadd tletin atti bħal dawn ipprattik-ati minn xi wħdu fis-seklu tnax. Peter Lombard, f'dan iż-żmien, issuġġerixxa lin-numru ta' sagramenti għandu jkun illimitat għal seba'. Il-Konċilju ta' Trent mexa ma' din l-idea u awto-rizza seba' biss: magħmudija, griżma ta' l-isqof, ewkaristija, penitenza, griżma tal-morda, ordnijiet, u żwieġ. Illum il-knisja Kattolika Rumana għandha dawn is-seba'.

L-idea sagramentali tas-salvazzjoni kienet tant qawwija matul iż-żminijiet tan-nofs li kkawżat lil Butler biex jikteb "f'Hundibras"—

Bi slaleb, relikwi, kurċifissi,
Żibeċ, stampi, rużarji, u kpiepel bil-ponta;
L-għodda li naħdmu s-salvazzjoni
B'sempliċiment operazzjoni mekkanika.

Fil-movimenti tar-riforma l-knejjes protestanti rriġettawhom

kollha barra minn żewġ atti bħala sagramentali. Il-magħmudija u l-Ikla tal-Mulej kienu miżmuma. Ħafna minnhom emmnu li l-magħmudija kienet taħsel id-dnub oriġinali, għalhekk huma kienu jbexxu lit-trabi. Ħafna emmnu wkoll li f'li wieħed jieħu sehem fl-Ikla tal-Mulej hu jirċievi "l-maħfra tad-dnubiet," għaliex Ġesù qal li demmu kien imxerred għall-maħfra tad-dnubiet. Huma jonqsu milli jiddistingwu bejn l-att ta' Kristu u x-xorb tagħna tal-kalċi **b'tifkira** ta' dak l-att.

Minħabba li l-Knisja Kattolika nsistiet lis-salvazzjoni kienet bl-opri, il-biċċa l-kbira tal-knejjes Protestanti xaqilbu għall-estrem l-ieħor u għallmu li l-maħfra tad-dnubiet personali kienet bil-fidi biss, barra minn kull opra li l-bniedem jista' jagħmel f'ubbidjenza lejn Alla. Dan ikkawżahom li jirriġettaw l-idea li l-ubbidjenza għall-kmandi ta' Alla kellha xi ħaġa x'taqsam mal-maħfra tad-dnubiet personali tal-bniedem (kif iddistingwita mid-dnub oriġinali).

Imma, il-bniedem ma jistax jibdel il-pjan ta' Alla tas-salvazzjoni u jkun salvat, għaliex dan huwa proċess ta' twelid mill-ġdid. Dan jopera b'mod uniformi l-istess kif jopera twelid naturali. Għal din ir-raġuni aħna għandna—

## IMMORRU LURA GĦALL-POŻIZZJONI TAL-BIBBJA DWAR IS-SALVAZZJONI 1830 Preżent

L-iżbalji popolari tal-lum fuq is-suġġett tas-salvazzjoni kienu mpoġġija f'posthom fit-Testment il-Ġdid qabel ma l-iżbalji nfushom ġew fl-eżistenza.

Fidi mingħajr opri hija ħawlija. Il-Kelma ta' Alla titkellem ċar dwar dan. (ara Ġakbu 2:14-26).

Opri mingħajr ix-xorta t-tajba ta' fidi ma jiswew xejn (Lhud 11:6; Titu 3:5).

Il-"fidi" kif mgħallma fil-Bibbja Mqaddsa għandha tkun obduta (Atti 6:7; Rumani 1:5), u ubbidjenza għandha tiġi minn qalb ta' fidi (1 Tessalonikin 1:3). Sforz uman f'li tobdi l-kmandi ta' Alla huwa meħtieġ għas-salvazzjoni, iżda ħadd m'għandu

jaħseb li jistqarr mertu għal dan l-isforz (Efesin 2:8-10). Il-grazzja ta' Alla tipprovdi s-salvazzjoni, u Alla permezz tal-grazzja Tiegħu isawwab is-salvazzjoni fuq l-ubbidjent fidil. "Mhux bl-opri" jfisser opri tal-bniedem, jew bl-opri weħidhom. Alla għamel il-proviżjoni Tiegħu għas-salvazzjoni permezz tal-grazzja mingħajr ma jpoġġi lill-bniedem taħt l-obligu li jagħmel dan.

Alla waħdu jsalva lill-bniedem, imma l-bniedem għandu joqgħod għall-kondizzjonijiet li fuqhom Alla jwiegħed is-salvazzjoni:

**Fidi**–

> "*Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jaħtieġlu li jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh*" (Lhud 11:6).

> "*Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma temmnux li jien hu dak li hu, tmutu fi dnubietkom*" (Ġwanni 8:24).

**Indiema**—

> "*Alla għalqa għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza, issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu*" (Atti 17:30).

**Stqarrija tal-fidi**—

> "*Jekk int tistqarr b'fommok, "Ġesù hu l-Mulej", u temmen f'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni*" (Rumani 10:9-10).

**U magħmudija**—

> "*U ordna li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu*" (Atti 10:48).

> "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu*" (Atti 22:16).

Aħna naħtieġu li ma mmorrux lejn estrem wieħed mal-Kattoliċiżmu lis-salvazzjoni hija b'tant opri, jew lejn l-estrem l-ieħor mal-Protestantiżmu lis-salvazzjoni hija bil-fidi biss, imma għandna *mmorru lura* għaċ-ċentru tat-triq bil-verità li *fidi u ubbidjenza lejn ħwejjeġ li Alla kkmanda huma neċessarji*. Dan jagħmel is-salvazzjoni tagħna mid-dnub realtà, u ħajja fidila tagħmel l-

hena eterna tagħna żgura (Filippin 3:20; 2 Korintin 5:1).

## LURA GĦALL-MAGĦMUDIJA TAL-BIBBJA
### Mark 16:15-16

*"U qalilhom: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat"* (Mark 16:15-16).

Ebda suġġett tal-Kristjaneżmu ma huwa daqshekk diskuss daqs il-magħmudija. L-importanza mpoġġija ma' dak l-att ta' ubbidjenza mill-kittieba ispirati tat-Testment il-Ġdid, flimkien ma' l-apostasija fil-prattika tagħha sa minn dak iż-żmien huma r-raġuni għal dan. Madankollu, jekk persuna tmur għall-Bibbja, u taqraha bil-fidi, hija ssib li tkun taħtieġ l-għajnuna biex tifhem ħażin dak li l-Bibbja tgħallem dwar il-magħmudija.

It-tlett mistqosijiet l-aktar importanti tal-magħmudija sejrin jirċievu l-mudell ġenerali ta' trattament li jiena tajt lis-suġġetti kollha f'dan il-ktejjeb. Jiena sejjer nuri x'tgħallem il-Bibbja, kif dik l-idea kienet mitlufa fl-apostasija wara l-ewwel seklu, u mbagħad kif aħna nistgħu mmorru lura għall-verità oriġinali dwar il-magħmudija llum.

## I. X'INHI MAGĦMUDIJA TAL-BIBBJA?
**30 W.K. 96 W.K.**

Kieku n-nies qatt ma kienu semgħu dwar il-magħmudija ħlief mit-Testment il-Ġdid huma jkunu mgħaġġba bin-nuqqas ta' taħbil tal-moħħ li bih huma jistgħu jifhmu x'jgħid it-Testment il-Ġdid. Magħmudija tal-Bibbja taħtieġ:

1. Persuna li trid bir-rieda tagħha nfisha (Atti 8:36).
2. Amministratur uman (Mattew 28:19).
3. Ilma (Atti 8:36; 10:47).
4. Ħafna ilma (Ġwanni 3:23).
5. Tinżel fl-ilma (Atti 8:38).
6. Ix-xebħ tat-twelid (Ġwanni 3:5).
7. Ix-xebħ ta' difna (Kolossin 2:12)
8. Ix-xebħ ta' qawmien (Rumani 6:4).
9. Ħasil tal-ġisem f'ilma safi (Lhud 10:22).
10. Tlugħ barra mill-ilma (Atti 8:39).

11. Kuxjenza tajba (1 Pietru 3:21).
12. Ferħ (Atti 8:39).

Dawn il-ħtiġijiet kollha jistgħu jkunu milqugħha *bi prattika waħda* biss. Immersjoni biss kienet il-prattika tal-knisja appost-olika. Għal dan jixhdu l-iskulari tal-kredijiet kollha. Immersjoni ma kinetx waħda mill-metodi tal-magħmudija. Din **kienet l-uniku** metodu pprattikat fl-ewwel seklu.

## IL-MAGĦMUDIJA FIŻ-ŻMINIJIET DLAM
## 570 1517

L-att tal-magħmudija kien gradwalment mibdul wara l-imwiet ta' l-appostli. Tferriegħ bħala sostitut għall-magħmudija huwa msemmi għall-ewwel darba fid-*Didache*, karta li dehret f'madwar 120 W.K. F'dan id-dokument it-tferriegħ kellu jkun amministrat *biss* f'postijiet fejn ma kienx hemm ilma biżżejjed biex tgħaddas. L-użu tal-kelma juri li dan ma kienx ikkunsidrat magħmudija. L-ilma huwa element tant komuni u neċessarju għall-eżistenza tal-bniedem li hu ma tantx jgħix fit-tul fejn ma hemmx suffiċjenza minnu għall-immersjoni. Din is-sostituzz-joni kienet magħmula minħabba l-idea tal-kittieb dwar in-neċessità assoluta tal-magħmudija. Xi wħud jistaqsu u jgħidu: "Imma jekk tassew ma jkunx hemm ilma biżżejjed għall-immersjoni, allura dak li jkun ma jitgħammidx?" It-tweġiba hija sempliċi. Kemm jekk ma jitgħammidx bl-immersjoni kif ukoll jekk ikun imferragħ ftit ilma fuq rasu xorta waħda dan ma jkunx mgħammed! Il-liġi Alla jagħmilha u mhux il-bniedem!

"Magħmudija klinika" bdiet fis-sena 250 W.K. meta Novatian kien impoġġi fuq pultruna, imdawwar b'imħaded, u mxarrab bl-ilma. Każi ta' mard bħal dawn li rċevew tferriegħ ta' l-ilma kienu maħsuba li jkunu mgħaddsa jekk ifiequ.

Tibxix ta' ilma daħal fil-knisja gradwalment wara s-sitt seklu, imma dan kien milqugħ b'tant oppożizzjoni li kien ftit ipprattikat qabel il-qasma tal-knisja fl-1054. Il-knisja tal-Lvant li wżat il-lingwa Griega qatt ma wżat xi metodu ieħor ħlief l-immersjoni. Il-knisja tal-Punent adattat formalment it-tibxix fil-Konċilju ta' Trent, kważi fis-sebħ tal-movimenti tar-riforma.

Ħafna knejjes riformatorji aċċettaw it-tibxix mingħajr misto-qsija għaliex din kienet moda. Xi wħud minnhom kienu għamlu sforz biex jiġġustifikawh, imma l-iskulari kollha magħrufa jaqblu li l-knisja ta' l-ewwel seklu kienet tgħaddas biss u li dik hija t-tifsira tal-kelma fil-lingwa oriġinali.

## LURA GĦALL-PRATTIKA TAL-BIBBJA TAL-MAGĦMUDIJA
## 1830 Preżent

Meta mmorru lura għall-prattika tal-Bibbja, aħna nirritornaw għall-

prattika weħidha ta' l-immersjoni. Il-kelma "magħmudi-ja" ġejja mill-kelma Griega *baptizo*, li hija mfissra "li tgħad-das" jew l-ekwivalenti tagħha f'kull waqt. Din qatt ma hija tradotta b'mod xieraq "tferriegħ" jew "tibxix."

Immersjoni biss hi mgħallma fit-traduzzjonijiet tagħna. Din biss tilqa' l-ħtiġijiet kollha tal-magħmudija tal-Bibbja. Hemm magħmudija waħda (Efesin 4:5), u forma waħda għal dik il-magħmudija (Rumani 6:4). Tibxix u tferriegħ ġew wara l-appostli. Għalhekk, dawn mhumiex skritturali. Persuna li rċeviet xi waħda minn dawn **ma kinetx mgħammda u taħtieġ li terġa' titgħammed Skritturalment biex issalva**!

## II. RAĠUNI TAL-BIBBJA GĦALL-MAGĦMUDIJA

**30 W.K. 96 W.K.**

Żgur li Alla għandu raġuni għall-ħtieġa tal-magħmudija. Jekk inħallu l-Bibbja tgħid l-iskop tagħha, aħna nistgħu nkunu ċerti li din tkun ċara, loġika, u raġjunevoli. Wara l-qawmien Tiegħu, Ġesù ltaqa' mad-dixxipli Tiegħu u qalilhom,

> "*Għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19).

Għaliex jagħmlu dan? Il-Bibbja tagħti dawn ir-raġunijiet:

1. Ħalli huma jkunu salvi (Mark 16:15-16; 1 Pietru 3:21).
2. Ħalli jirċievu l-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38).
3. Ħalli jaħslu dnubiethom (Atti 22:16).
4. Ħalli jirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu (Atti 2:38).
5. Ħalli jidħlu fi Kristu (Rumani 6:3).
6. Ħalli jkunu miżjuda fil-knisja mill-Mulej (Atti 2:41, 47).
7. Ħalli jitwieldu mill-ġdid (Ġwanni 3:5).

## APOSTASIJA MILL-ISKOP TAL-MAGĦMUDIJA TAL-BIBBJA

**570 1517**

Fil-perjodu ta' wara l-appostli, billi l-magħmudija kienet mgħallma għall-maħfra tad-dnubiet tal-passat ta' persuna, il-mexxejja tal-knisja bdew jgħallmu l-idea sagramentali tal-magħmudija—qawwa li tinsab fl-att innifsu biex issalva mid-dnub, inkwantu l-kondizzjoni ta' minn jirċevih. Fis-sekli ta' wara sar l-att tal-magħmudija li jsalva minflok Alla li jsalva meta l-fidi ta' persuna kienet ipprovata bl-att.

Il-Protestantiżmu qam kontra din l-idea, jgħallem li l-bniedem huwa

ġġustifikat quddiem Alla bil-fidi biss. Huma jistqarru li l-magħmudija kienet sinjal ta' barra ta' grazzja ta' ġewwa—diġa miksuba. Ħalli mmoru

**LURA GĦALL-ISKOP TAL-BIBBJA TAL-MAGĦMUDIJA**
**1830 Preżent**

Hija att ta' prova tal-fidi tagħna, bħal ma kien il-qsim tal-baħar l-aħmar għall-ulied Israel (1 Korintin 10). Meta aħna jkollna fidi biżżejjed biex nobdu lil Alla fil-magħmudija, Alla jsalvana—**mhux qabel**. Wieħed għandu jara l-eżempji dwar dan dwar is-serp tal-bronż (Numri 21:4-9); il-Kaptan Nagħman (2 Slaten 5:1-14); u r-raġel agħma (Ġwanni 9:1-12). Kollha kien hemm twemmin, ubbidjenza, u mbagħad il-fejqan. Il-fejqan ma ġiex qabel ma kien hemm l-ubbidjenza!

## III. MIN KIEN INTQAL BIEX JITGĦAMMED?

**30 W.K. 96 W.K.**

Huwa importanti li tkun taf *min jaħtieġ* il-magħmudija daqs kemm hu li tkun taf *l-iskop* ta' l-att tal-magħmudija. Il-Bibbja tgħid MIN għandu jitgħammed. Dawk mhux inkluduti f'dawn l-istqarrijiet ma jaħtiġux il-magħmudija:

1. Dawk li kienu mgħallma l-Evanġelju għandhom ikunu mgħammdin (ara Mattew 28:18-19; Ġwanni 6:44-45).
2. Dawk li kienu mqanqla biex jemmnu (Rumani 10:17), għandhom ikunu mgħammdin (ara Mark 16:16; Atti 18:8).
3. Dawk li kienu nidmu minn dnubiethom—iddeterminaw li jieqfu minnhom—għandhom ikunu mgħammdin (ara Luqa 24:46-47; Atti 2:38).
4. Dawk li stqarrew il-fidi tagħhom fi Kristu għandhom ikunu mgħammdin (ara Atti 8:36-38; Rumani 10:9-10).)

Dawk li ma jistgħux jilqgħu dawn il-kondizzjonijiet mhu-miex suġġetti għall-magħmudija. Biċ-ċar it-trabi ma jistgħux ikunu mgħallma, jemmnu, jindmu, u jistqarru l-fidi; għalhekk, huma mhumiex suġġetti għall-magħmudija. *Trabi ma jaħtiġux il-magħmudija*. Huma jinsabu fiż-żgur ma' Alla (ara Mattew 18:3; 19:14-15; Luqa 18:15-17). It-trabi mhumiex ħatja tad-dnub oriġinali (Eżekjel 18:19-20) għaliex dan ma jinsabx il-Kelma ta' Alla imma huwa invenzjoni tal-bniedem. Lanqas ma huma ħatja ta' xi dnub ieħor sakemm ikunu kbar biżżejjed biex "jiksru l-liġi" (1 Ġwanni 3:4). Ukoll, dawk li l-imħuħ tagħhom ma jikbrux jew ma jiżviluppawx mal-ġisem tagħhom, ma jaħtiġux il-magħmudija, billi huma m'humiex kapaċi li jkunu mgħallma r-responsabbiltà ta' l-atti tagħhom infushom.

Il-knisja tal-bidu qatt ma għammdet trabi. Dawk fil-jum ta' Pentekoste kienu dawk li nidmu (Atti 2:38), u rċevew il-Kelma (v. 41). Dawk li tgħammdu fis-Samarija kienu emmiena, irġiel u nisa (Atti 8:12). Ma kien hemm ebda trabi nklużi fil-familja ta' Kornelju, għaliex huma kollha

tkellmu bl-ilsna (Atti 10:46). Xi wħud jissopponu li kien hemm it-trabi fid-dar ta' Lidja (Atti 16:15). Imma din hija sempliċiment suppożizzjoni għaliex Lidja u l-familja tagħha tgħammdu wara li fehmu "dak li kien jgħid Pawl" (v14) u ċertament lit-trabi dan ma jistgħux jagħm-luh! L-ewwel int għandek tissopponi li Lidja kienet mara miżżewġa għaliex il-qaddejja tagħha jagħmlu parti minn dawk tad-dar. It-tieni wieħed għandu jissopponi li jekk hija kienet miżżewwġa kellha t-tfal—xejn ma jintqal dwar dan. It-tielet wieħed għandu jissopponi li jekk hija kienet miżżewwġa u kellha t-tfal, li xi wħud minnhom kienu trabi! Dan huwa WISQ SUPPOŻIZZJONI għall-fidi. Ma kienx hemm trabi fil-familja ta' l-għassies. Huma kollha **emmnu**, (Atti 16:33-34).

**MIBDULA FL-APOSTASIJA**
**570 1517**

Tertullian kiteb fit-tmiem tat-tieni seklu li l-magħmudija tat-trabi kienet innovazzjoni ġdida. Hu kien jiddefendi l-magħmudija ta' adulti. Origen jgħid li l-magħmudija tat-trabi kienet prattika komuni fin-nofs tat-tielet seklu. Wara t-tagħlim ta' Augustine fir-raba' seklu li t-trabi huma mwielda fid-dnub, il-magħmudija tagħhom saret universali. Huma ħasbu li l-magħmudija kienet tneħħi d-dnub oriġinali.

Ħafna knejjes protestanti aċċettaw il-magħmudija tat-trabi u mbagħad fittxew prova għaliha fl-Iskrittura. Ma hemm ebda prova li wieħed jista' jinvestiga! Kull ma għandu jagħmel wieħed hu li jaqra l-Bibbja u jara MIN Ġesù qal li għandu jitgħammed: "Min JEMMEN u jitgħammed isalva…" (Mark 16:16). Dan għandu jsolvi għal kollox il-kustjoni dwar il-magħmudija tat-trabi. Nemmnuh aħna lill-Mulej jew le! Il-kliem Tiegħu ma jistgħux ikunu aktar ċari milli huma. Kliem sempliċi li ma jaħtieġ ebda spjega biex wieħed jifhmu. Dak li għandu jitgħammed, jgħid il-Mulej tagħna, huwa dak li jista' JEMMEN. Ċertament li ħadd ma jiddubità li tarbija ma tistax temmen għaliex għadha żgħira wisq biex tagħmel dan! *"Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem"* (1 Korintin 14:33). Mela ħalli mmorru

**LURA GĦALL-BIBBJA**
**1830 Preżent**

u ngħammdu lil dawk li kienu:
MGĦALLMA L-EVANĠELJU,
EMMNU FI KRISTU,
NIDMU MINN DNUBIETHOM, u
STQARREW IL-FIDI TAGĦHOM FI KRISTU.

It-trabi mhumiex ħatja tad-dnub. Huma ma jaħtiġux il-magħ-mudija. Dawk li jistgħu jaqraw u jifhmu dan il-kapitlu jaħti-ġuha. X'għamilt *int*?

Nies għandhom ikunu mgħammdin fuq stqarrija tal-fidi tagħhom fi Kristu, mhux ikkonfermati fuq qari tal-katekiżmu—ħaġa mhux magħrufa għall-Bibbja.

Meta mmorru lura għall-prattika tal-Bibbja dwar il-magħ-mudija, aħna ngħaddsu lil dawk li jkunu ppreparaw lilhom infushom għaliha billi: semgħu u emmnu l-Evanġelju; nidmu minn dnubiethom; u stqarrew il-fidi tagħhom fi Kristu. Aħna nagħmmduhom għall-maħfra tad-dnubiet tagħhom tal-passat, u huma jkunu mwielda mill-ġdid fis-saltna ta' Alla (Ġwanni 3:3-5). Il-Kelma ta' Alla tagħtina din it-twissja:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux. Mela tissieħbu qatt magħhom*" (efesin 5:6-7).

Nalgħaq bil-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu:

> "*Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb…*" (Rumani 3:4).